# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 58

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

18 ta' Frar 2021


Werrej


II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 58/01 Avviż tal-Kummissjoni — Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenża ..... 1

2021/C 58/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10142 — Pamplona Capital/Signature Foods) ([1]) ..... 31

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 58/03 Rata tal-kambju tal-euro — Is-17 ta' Frar 2021 ..... 32

2021/C 58/04 Il-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali — Kostijiet medji tal-benefiċċji *in natura* ..... 33

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2021/C 58/05 Aġġornament tal-lista ta' postijiet ta' qsim il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ..... 35


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**


| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 58/06 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 50 |
| 2021/C 58/07 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 51 |
| 2021/C 58/08 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 52 |
| 2021/C 58/09 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 53 |
| 2021/C 58/10 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 54 |
| 2021/C 58/11 | Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 55 |
| 2021/C 58/12 | Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni | 56 |


---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 58/13 | Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali | 57 |


PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-EFTA**


| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 58/14 | Talba għal Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti tal-EFTA minn Borgarting Lagmannsrett fi proċedimenti kriminali kontra P (Il-Kawża E-15/20) | 58 |


PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2021/C 58/15 | Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet tal-kalċju-siliċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | 60 |
| 2021/C 58/16 | Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea | 73 |

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 58/17 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10178 — Eni/Aldro EyS/Instalaciones MD) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ..... 84

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 58/18 Pubblikazzjoni ta' dokument uniku kif imsemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid ..... 86

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż tal-Kummissjoni**

**Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenża**

(2021/C 58/01)

*Dan id-dokument huwa bbażat fuq it-test tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif maqbul politikament bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill f'Diċembru 2020 (2020/0104 (COD))* [1].

*Din il-gwida teknika hija maħsuba biex tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali fit-tħejjija tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'awtorità d-dritt tal-Unjoni.*

**Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) jipprovdi li l-ebda miżura inkluża f' xi Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza (RRP) ma għandha twassal għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija** [2]· [3]. Skont ir-Regolament RRF, il-valutazzjoni tal-RRPs jenħtieġ li tiżgura li kull miżura (jiġifieri kull riforma u kull investiment) fil-pjan tkun tikkonforma mal-prinċipju ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" (do no significant harm - DNSH) [4].

**Ir-Regolament RRF jiddikjara wkoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida teknika dwar kif il-kriterji tad-DNSH għandhom japplikaw fil-kuntest tal-RRF** [5]**. Dan id-dokument jipprovdi din il-gwida teknika.** Din il-gwida hija limitata għall-istipular tal-modalitajiet tal-applikazzjoni tad-DNSH fil-kuntest tal-RRF biss, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, u hija bla ħsara għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Tassonomija u ta' atti leġiżlattivi oħra adottati fir-rigward ta' fondi oħra tal-UE. Din il-gwida għandha l-għan li tiċċara t-tifsira tad-DNSH u kif jenħtieġ li tiġi applikata fil-kuntest tal-RRF u kif l-Istati Membri jkunu jistgħu juru li l-miżuri proposti tagħhom fl-RRP jikkonformaw mad-DNSH. Fl-Anness IV ta' din il-gwida hemm eżempji elaborati konkreti fuq kif tintwera d-DNSH fil-pjanijiet.

(1) https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14310-2020-INIT/en/pdf. In-numerazzjoni u l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' promulgazzjoni huma soġġetti għal modifiki matul ir-reviżjoni ġuridika li għaddejja.

(2) Ara l-Artikolu 4a ("*Prinċipji Orizzontali*") tar-Regolament RRF (li jistipula li l-RFF jista' biss isostni miżuri li jirrispettaw id-DNSH) u l-Artikoli 15 u 16 ("*Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza*" u "*Valutazzjoni tal-Kummissjoni*") (li jistipulaw ulterjorment li l-RRPs jenħtieġ li jispjegaw u jiġu evalwati fid-dawl ta' "*kif il-pjan jiggarantixxi li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti inkluża fil-pjan ma tagħmel xi dannu sinifikanti għall-objettivi ambjentali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 ('ma tagħmilx ħsara sinifikanti')*").

(3) Ir-"Regolament dwar it-Tassonomija" jirreferi għar-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, billi jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni (jew "tassonomija") għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli.

(4) Il-"*Gwida tal-valutazzjoni għall-Faċilità*" annessa mar-Regolament RRF tistabbilixxi għadd ta' linji gwida ta' valutazzjoni bħala bażi biex il-Kummissjoni tivvaluta l-proposti għal RRPs kif sottomessi mill-Istati Membri. Fihom, il-Kummissjoni hija mitluba tuża sistema ta' klassifikazzjoni, li tinfirex minn A sa C, għall-kriterji kollha tal-"*valutazzjoni tal-Kummissjoni*" elenkati fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament. Il-kriterju ta' valutazzjoni (d) jikkjarifika li għall-valutazzjoni tad-DNSH, il-Kummissjoni għandha biss żewġ għażliet ta' klassifikazzjoni, A jew C. "A" jekk l-ebda miżura f'RRP ma twassal għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali u "C" jekk xi miżura waħda jew aktar twassal/iwasslu għal xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali (skont it-tifsira tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija). Dak l-Anness jistipula li RRP ma tkunx tikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji ta' valutazzjoni malli jkun hemm okkorrenza waħda ta' "C". F'każ bħal dan, il-pjan ma jkunx jista' jiġi approvat mill-Kummissjoni.

(5) Dan id-dokument ta' gwida teknika jissupplimenta l-gwida inizjali diġà pprovduta mill-Kummissjoni fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021, u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha u l-aġġornamenti tiegħu.

## 1. X'inhu l-prinċipju "Ma tagħmilx ħsara sinifikanti"?

**Għall-finijiet tar-Regolament RRF, id-DNSH għandha tiġi interpretata skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija.** Dan l-artikolu jiddefinixxi x'jikkostitwixxi "ħsara sinifikanti" fejn jidħlu s-sitt objettivi ambjentali koperti mir-Regolament dwar it-Tassonomija:

1. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima** jekk twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra (greenhouse gas - GHG);

2. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**adattament għat-tibdil fil-klima** jekk twassal għal żieda fl-impatt negattiv fuq il-klima attwali u l-klima futura mistennija, fuq l-attività nnifisha jew fuq in-nies, in-natura jew l-assi ([6]);

3. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar** jekk tkun ta' detriment għall-potenzjal ekoloġiku tajjeb ta' korpi tal-ilma, inkluż l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art, jew għall-istatus ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar;

4. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti lill-**ekonomija ċirkolari** inkluż il-prevenzjoni tal-ħolqien tal-iskart u r-riċiklaġġ tiegħu jekk twassal għal ineffiċjenzi sinifikanti fl-użu tal-materjali jew fl-użu dirett jew indirett tar-riżorsi naturali, jew jekk iżżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni, l-inċinerazzjoni jew ir-rimi tal-iskart, jew jekk ir-rimi fit-tul tal-iskart ikun jista' jikkawża ħsara ambjentali sinifikanti u fit-tul;

5. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għall-**prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis** jekk twassal għal żieda sinifikanti fl-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma jew fl-art;

6. Attività titqies li tagħmel ħsara sinifikanti għall-**protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi** jekk tkun ta' detriment sinifikanti għall-kundizzjoni tajba u r-reżiljenza tal-ekosistemi jew tkun ta' detriment għall-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet, inklużi dawk ta' interess għall-Unjoni.

## 2. Kif għandha tiġi applikata d-DNSH fil-kuntest tal-RRF?

Din it-taqsima tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet ewlenin li fuqhom hija bbażata l-valutazzjoni tad-DNSH: il-fatt li l-miżuri kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH (it-Taqsima 2.1), għalkemm fil-każ ta' ċerti miżuri l-valutazzjoni tad-DNSH tista' tieħu forma simplifikata (it-Taqsima 2.2); ir-rilevanza tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt (it-Taqsima 2.3); il-prinċipji ta' gwida fl-qalba tal-valutazzjoni (it-Taqsima 2.4); u l-applikabbiltà tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tar-Regolament dwar it-Tassonomija (it-Taqsima 2.5).

### 2.1 *Il-miżuri kollha jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH*

**Jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu valutazzjoni tad-DNSH għal kull miżura** ([7]) **tal-RRP tagħhom**. Skont ir-Regolament RRF, *l-ebda miżura* inkluża f'RRP ma għandha tinvolvi xi ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali, u l-Kummissjoni ma tistax tivvaluta b'mod pożittiv l-RRP jekk xi miżura waħda jew aktar ma jkunux jikkonformaw mad-DNSH. B'konsegwenza ta' dan, l-Istati Membri jeħtieġ li jipprovdu valutazzjoni tad-DNSH *individwali* għal kull miżura fi ħdan kull element tal-pjan ([8]). Għalhekk, il-valutazzjoni tad-DNSH ma għandhiex titwettaq fil-livell tal-pjan jew ta' komponenti individwali tal-pjan, iżda fil-livell tal-miżura. Dan japplika ugwalment għal miżuri li huma kkunsidrati li jipprovdu kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-miżuri l-oħra kollha inklużi fl-RRPs ([9]).

([6]) B'mod speċifiku dan ifisser li ħsara sinifikanti għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima tista' ssir jew billi (i) xi attivita ma tiġix adattata għall-impatti negattivi għat-tibdil fil-klima meta jkun hemm riskju li dik l-attività tħalli impatti bħal dawn (bħall-kostruzzjoni ta' bini f'żona suxxettibbli għall-għargħar), jew (ii) permezz ta' maladattament, meta titwettaq soluzzjoni ta' adattament li tipproteġi qasam wieħed ("*persuni, natura jew assi*"), filwaqt li żżid ir-riskji f'xi qasam ieħor (bħall-bini ta' diga fuq biċċa art fi pjanura fejn iseħħ għargħar li twassal biex il-ħsara tiġi trasferita lejn art li ma tkunx protetta).

([7]) Skont l-Artikolu 14 ('*Eliġibbiltà*') tar-Regolament RRF, "*Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza eliġibbli għall-finanzjament taħt dan l-istrument tal-Faċilità għandhom jinkludu miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku.*"

([8]) Il-konformità mad-DNSH tiġi valutata fil-livell ta' kull *miżura* fi ħdan il-kuntest tal-RRF, filwaqt li l-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija jirreferi għal *attivitajiet ekonomiċi*. Miżura skont l-RRF (i.e. xi investiment jew riforma) hija xi intervent li jkun jista' jikkostitwixxi xi attività ekonomika jew li jkun jista' jiskatta (tibdil fi) l-attivitajiet ekonomiċi. Għalhekk, għall-fini tal-RRF, *attivitajiet ekonomiċi*, kif imfisser fl-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jiġu interpretati bħala *miżuri* f'din il-gwida.

([9]) Bħala tali, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet koperti mill-valutazzjoni tad-DNSH skont ir-Regolament RRF huwa differenti, u konsiderevolment usa' minn dak skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, li għandu l-għan li jidentifika attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. B'hekk hija tikklassifika u tistabbilixxi kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-objettivi ambjentali elenkati fl-Artikoli 10 sa 15 ta' dak ir-Regolament, u li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil dawk l-objettivi. Dan huwa għan differenti mir-Regolament RRF, li għandu l-għan li juri li firxa wiesgħa ta' miżuri ma jagħmlu l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent.

**Jeħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw kemm ir-riformi kif ukoll l-investimenti.** Skont l-RRF, l-Istati Membri jeħtieġ li jressqu pakketti koerenti ta' miżuri, inklużi kemm riformi kif ukoll investimenti (skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament RRF). Il-valutazzjoni tad-DNSH jeħtieġ li titwettaq mhux biss fejn jidħlu investimenti, iżda wkoll riformi. Ir-riformi f'xi setturi, inklużi l-industrija, it-trasport u l-enerġija, filwaqt li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, jistgħu jkunu wkoll iġorru magħhom riskju li jikkaġunaw ħsara sinifikanti għal għadd ta' objettivi ambjentali, skont kif jitfasslu ([10]). Min-naħa l-oħra, ir-riformi f'setturi oħra (eż. l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-amministrazzjoni pubblika, u l-arti u l-kultura) x'aktarx li jkunu ta' riskju limitat li jikkaġunaw ħsara ambjentali (ara l-approċċ issimplifikat fit-Taqsimiet 2.2 u 3), indipendentement mill-kontribut potenzjali tagħhom għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, li tista' tkun xorta sinifikanti. Din il-gwida għandha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fit-twettiq tal-valutazzjoni tad-DNSH kemm fejn jidħlu l-investimenti kif ukoll fejn jidħlu riformi. Il-fatt li l-valutazzjoni tad-DNSH trid titwettaq għar-riformi m'għandux jinftiehem bħala deterrent għall-inklużjoni fl-RRPs ta' riformi importanti fl-oqsma tal-industrija, it-trasport u l-enerġija, peress li tali miżuri għandhom potenzjal kbir li jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u li jixprunaw l-irkupru.

## 2.2 *Fil-każ ta' ċerti miżuri, il-valutazzjoni tad-DNSH tista' tieħu forma simplifikata*

**Filwaqt li l-miżuri kollha jeħtieġu valutazzjoni tad-DNSH, jista' jittieħed approċċ simplifikat għal miżuri li ma għandhom l-ebda impatt prevedibbli, jew impatt insinifikanti, fuq is-sitt objettivi ambjentali kollha jew uħud minnhom.** Skont it-tfassil tagħhom, ċerti miżuri jista' jkollhom effett limitat fuq xi objettiv ambjentali wieħed jew aktar. F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni qasira għal dawk l-objettivi ambjentali u jiffokaw il-valutazzjoni sostantiva tad-DNSH fuq l-objettivi ambjentali li jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti (ara t-Taqsima 3, Pass 1). Pereżempju, riforma tas-suq tax-xogħol maħsuba biex iżżid il-livell ġenerali ta' protezzjoni soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom ma jkollha l-ebda impatt prevedibbli, jew impatt insinifikanti, fuq kwalunkwe wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, u tkun tista' tintuża ġustifikazzjoni qasira għas-sitt objettivi kollha. B'mod simili, fil-każ ta' xi miżuri sempliċi dwar l-użu effiċjenti tal-enerġija, bħas-sostituzzjoni ta' twieqi eżistenti b'oħrajn ġodda ekoloġiċi, tkun tista' tintuża ġustifikazzjoni qasira fejn tidħol il-konformità mal-prinċipji tad-DNSH għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. B'kuntrast ma' dan, dan l-approċċ simplifikat x'aktarx ma jkunx applikabbli fil-każ ta' xi investimenti u riformi f'għadd ta' oqsma (eż. l-enerġija, it-trasport, il-ġestjoni tal-iskart, l-industrija) li jippreżentaw riskju ogħla li jaffettwaw wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali.

**Meta miżura tiġi ttrekkjata bħala li tappoġġja 100 % xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, din il-miżura titqies konformi mad-DNSH għal dak l-objettiv** ([11]). Xi miżuri huma ttrekkjati bħala li jappoġġaw it-tibdil fil-klima jew objettivi ambjentali oħra fil-kuntest tal-RRF, skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar klimatiku" annessa mar-Regolament RRF. Meta miżura tiġi trekkjata b'koeffiċjent ta' 100 % li tappoġġa l-objettivi għat-tibdil fil-klima, id-DNSH titqies li ġiet osservata fejn jidħol l-objettiv rilevanti għat-tibdil fil-klima (jiġifieri, il-mitigazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima) ([12]). Meta miżura tiġi ttrekkjata b'koeffiċjent ta' 100 % li tappoġġa objettivi ambjentali oħra għajr dawk relatati mal-klima, jitqies li jkun hemm konformità mad-DNSH għall-objettiv ambjentali rilevanti (jiġifieri, ir-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, jew il-bijodiversità u l-ekosistemi). F'kull każ, l-Istati Membri se jkollhom jidentifikaw u jissostanzjaw liema mis-sitt objettivi ambjentali tar-Regolament dwar it-Tassonomija tkun qiegħda tappoġġa l-miżura. Madankollu, l-Istati Membri jkollhom juru li l-miżura ma tkunx tagħmel xi ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali li jifdal ([13]).

---

([10]) Pereżempju, riforma li tista' twassal għal żieda fil-finanzjament għall-fjuwils fossili permezz ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji tal-gvern, jew żieda fis-sussidji espliċiti jew impliċiti għall-fjuwils fossili, tista' titqies bħala li toħloq riskju li tiġi kkawżata ħsara sinifikanti lill-objettivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis. Dawn il-kunsiderazzjonijiet jeħtieġ li jiġu riflessi fil-valutazzjoni tad-DNSH.

([11]) Sabiex jiġi rifless il-punt sa fejn miżura tkun tikkontribwixxi għall-miri klimatiċi globali stabbiliti fir-Regolament RRF u jiġu kkalkulati l-ishma globali tal-allokazzjoni totali tal-pjan relatata mal-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-metodoloġija, l-oqsma ta' intervent u l-koeffiċjenti assoċjati għat-trekkjar tal-klima, skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ivvalidat l-għażla tal-qasam ta' intervent u tal-koefiċċjenti proposti minn xi Stat Membru, il-miżura ma tkunx titqies bħala awtomatikament konformi mad-DNSH fil-każ tal-objettiv(i) rilevanti, u xorta tkun trid issir valutazzjoni tad-DNSH.

([12]) Pereżempju, skema ta' sostenn/tiġdid għas-sostituzzjoni ta' materjal fuq ir-roti skadut, b'materjal fuq ir-roti li ma jikkawża l-ebda emissjonijiet mill-egżost tista' tkun f'din il-kategorija.

([13]) L-approċċ imsemmi f'dan il-paragrafu mhux applikabbli fil-każ ta' miżuri ttrekkjati b'koefiċċjenti ta' 40%. Fil-każ ta' tali miżuri, l-Istati Membri jkollhom jipprovdu spjegazzjoni dwar għaliex il-miżura hija konformi mad-DNSH, fil-kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali mfissra fil-bqija ta' dan id-dokument ta' gwida (eż. l-Istati Membri jkollhom jikkonfermaw li ma jkunu involuti l-ebda fjuwils fossili jew li jkun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness III fil-każ tal-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima). Meta l-miżuri ttrekkjati b'koeffiċjenza ta' 40% ma jkollhom l-ebda impatt previdibbli, jew inkella impatt insinifikanti, fuq xi objettiv ambjentali speċifiku, jew meta jkunu "jikkontribwixxu b'mod sostanzjali" għal xi objettiv ambjentali speċifiku skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, l-Istati Membri xorta jkunu jistgħu japplikaw approċċ simplifikat għall-dak l-objettiv ambjentali (skont l-ewwel u t-tielet paragrafi tat-Taqsima 2.2)

**B'mod simili għal dan, meta miżura tkun "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali"** [14]**, skont ir-Regolament tat-Tassonomija, lejn xi wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, din il-miżura titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol dak l-objettiv** [15]. Pereżempju, Stat Membru li jippreżenta miżura li ssostni l-manifattura ta' tagħmir għall-effiċjenza enerġetika għall-bini (eż. sistemi tad-dawl li jkunu sensittivi għall-preżenza u għad-dawl ta' binhar) ma jkollux għalfejn iwettaq valutazzjoni tad-DNSH sostantiva għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, f'każ li l-Istat Membru jkun jista' juri li l-miżura proposta "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal dak l-objettiv ambjentali, f'konformità mar-Regolament dwar it-Tassonomija. F'każ bħal dan, l-Istati Membri jkollhom juru biss in-nuqqas ta' ħsara sinifikanti għall-ħames objettivi ambjentali l-oħra.

2.3 *Ir-rilevanza tad-dritt tal-UE u l-valutazzjonijiet tal-impatt*

**Il-konformità mad-dritt ambjentali nazzjonali u tal-UE applikabbli hija obbligu separat, u ma teżentax mill-ħtieġa ta' valutazzjoni tad-DNSH.** Il-miżuri kollha proposti fl-RRPs iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, inkluża l-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE. Għalkemm il-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE tipprovdi indikazzjoni qawwija li l-miżura ma tkunx tikkawża ħsara ambjentali, hija ma timplikax awtomatikament li miżura tkun tikkonforma mad-DNSH, b'mod partikolari peress li xi wħud mill-objettivi koperti mill-Artikolu 17 għadhom mhumiex riflessi bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

**Il-valutazzjonijiet tal-impatt relatati mad-dimensjoni ambjentali jew mal-verifika tas-sostenibbiltà ta' xi miżura jkunu jridu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tad-DNSH.** Filwaqt li ma jimplikawx b'mod awtomatiku li ma tkunx se ssir xi ħsara sinifikanti, huma jikkostitwixxu indikazzjoni qawwija għan-nuqqas ta' ħsara sinifikanti fil-każ ta' għadd ta' objettivi ambjentali relevanti. Għalhekk, il-fatt li Stat Membru jkun wettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS) f'konformità mad-Direttiva 2001/42/KE [16], jew Verifika ta' Sostenibbiltà/tal-Klima, kif stabbilit fil-gwida mill-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà skont ir-Regolament InvestEU, fil-każ ta' xi miżura partikolari inkluża fir-RRP, ikun ta' appoġġ għall-argumenti mressqa mill-Istat Membru fil-kuntest tal-valutazzjoni tad-DNSH. Pereżempju, skont it-tfassila eżatta ta' xi miżura, it-twettiq ta' VIA u l-implimentazzjoni tal-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent jistgħu f'xi każijiet, u b'mod partikolari fir-rigward tal-investimenti fl-infrastruttura, ikunu biżżejjed biex Stat Membru juri konformità mad-DNSH għal uħud mill-objettivi ambjentali rilevanti (b'mod partikolari, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar u tal-ilma [17], kif ukoll il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi [18])). Madankollu, dan ma jeżentax lill-Istat Membru milli jwettaq il-valutazzjoni tad-DNSH għal dik il-miżura peress li VIA, VAS jew verifika jistgħu ma jkunux ikopru l-aspetti kollha li huma meħtieġa bħala parti mill-valutazzjoni tad-DNSH [19]. Dan għaliex la l-obbligi legali li jinsabu fid-Direttivi dwar il-VIA u l-VAS, u lanqas l-approċċ stabbilit fil-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-verifika ma huma l-istess bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija [20].

---

[14] L-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament dwar it-Tassonomija jiddefinixxu xi tfisser "kontribut sostanzjali" għal kull wieħed mis-sitt objettivi ambjentali, kif ukoll għal "attivitajiet ta' faċilitazzjoni". Sabiex jibbenefikaw mill-approċċ simplifikat deskritt f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri jkunu jridu juru li l-miżura tkun "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal xi wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali skont l-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament dwar it-Tassonomija (ara wkoll it-Taqsima 2.5).

[15] Din l-għażla hija partikolarment rilevanti fil-każ ta' attivitajiet li huma identifikati bħala li jagħmlu kontribut sostanzjali għal objettiv ambjentali skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, iżda li mhumiex trekkjati bħala li jsostnu 100 % l-objettivi klimatiċi jew ambjentali skont il- "Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF. Fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, dawn l-attivitajiet jinkludu, pereżempju: vetturi light-duty speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi; bastimenti speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi għat-trasport fuq il-ilma; vetturi heavy-duty speċifiċi b'emissjonijiet żero jew baxxi; infrastruttura għat-trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku; netwerks ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-idroġenu; attivitajiet speċifiċi ta' ġestjoni tal-iskart (eż. skart mhux perikoluż miġbur separatament li jkun segregat fis-sors u mhejji għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ); kif ukoll riċerka, żvilupp u innovazzjoni f'ekonomija ċirkolari rivoluzzjonarja.

[16] Valutazzjoni ambjentali hija proċedura li tiżgura li l-implikazzjonijiet ambjentali tal-pjani/programmi/proġetti jiġu kkunsidrati qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet. Il-valutazzjonijiet ambjentali jistgħu jitwettqu għal proġetti individwali, bħal xi diga, awtostrada, ajruport jew fabbrika, abbażi tad-Direttiva 2011/92/UE (magħrufa bħala "Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali" – id-Direttiva VIA) jew għal pjanijiet jew programmi pubbliċi abbażi tad-Direttiva 2001/42/KE (magħrufa bħala "Valutazzjoni Ambjentali Strateġika" – id-Direttiva VAS).

[17] Jekk il-VIA tkun tinkludi valutazzjoni tal-impatt fuq l-ilma skont id-Direttiva 2000/60/KE u r-riskji identifikati ikunu ġew indirizzati fit-tfassil tal-miżura.

[18] Bla ħsara għal valutazzjonijiet addizzjonali meħtieġa mid-Direttivi 2009/147/KE u 92/43/KEE jekk l-operazzjoni tkun tinsab fi jew qrib żoni sensittivi għall-bijodiversità (inkluż in-netwerk Natura 2000 ta' żoni protetti, siti ta' Wirt Dinji tal-UNESCO u Żoni ta' Bijodiversità Ewlenin, kif ukoll żoni protetti oħrajn).

[19] Għall-kuntrarju, il-valutazzjoni tad-DNSH ma teżentax mill-obbligu ta'VIA/VAS, verifika tal-impatt klimatiku, ambjentali jew tas-sostenibbiltà jekk dan ikun obbligatorju skont il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, bħal fil-każ ta' proġetti ffinanzjati permezz ta' InvestEU jew il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

[20] Pereżempju, hija meħtieġa VIA għall-kostruzzjoni ta' raffineriji taż-żejt mhux raffinat, impjanti tal-enerġija termali li jaħdmu bil-faħam, u proġetti li jinvolvu l-estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum jew gass naturali. Madankollu, dawn it-tipi ta' miżuri ma jkunux konformi mal-kriterji dwar id-DNSH għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li jiddikjaraw li ssir ħsara sinifikanti jekk attività "twassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet serra". Bl-istess mod, filwaqt li huwa obbligatorju li għall-kostruzzjoni ta' ajruport ġdid issir VIA, abbażi tad-DNSH għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, x'aktarx li jkunu konformi biss il-miżuri relatati mal-infrastruttura ta' ajruporti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-investimenti f'binjiet tal-ajruport li jkunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija, titjib fuq il-post fil-konnessjonijiet tal-grilja rinnovabbli tal-infrastruttura u s-servizzi relatati tal-ajruport.

2.4 *Prinċipji ta' gwida għall-valutazzjoni tad-DNSH*

**Fil-kuntest tal-RRF, huma l-impatti *diretti* u *indiretti primarji* ta' miżura li huma rilevanti għall-valutazzjoni tad-DNSH** ([21]). L-impatti diretti jistgħu jirriflettu l-effetti tal-miżura fil-livell tal-proġett (eż. impjant tal-produzzjoni, żona protetta) jew fil-livell tas-sistema (eż. netwerk ferrovjarju, sistema tat-trasport pubbliku), u li jseħħu fiż-żmien tal-implimentazzjoni tal-miżura. L-impatti indiretti primarji jistgħu jirriflettu effetti li jseħħu barra minn dawk il-proġetti jew sistemi u jistgħu jimmaterjalizzaw wara l-implimentazzjoni tal-miżura jew lil hinn mill-iskeda ta' żmien tal-RRF iżda li jkunu raġonevolment prevedibbli u rilevanti. Eżempju ta' impatt *dirett* fil-qasam tat-trasport bit-triq ikun l-użu ta' materjali waqt il-kostruzzjoni tat-triq. Eżempju ta' impatt *indirett primarju* jkun l-emissjonijiet futuri mistennija ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba żieda kumplessiva fit-traffiku fil-fażi meta t-triq tkun qed tintuża.

**Il-valutazzjoni tad-DNSH trid tikkunsidra ċ-ċiklu tal-ħajja tal-attività li tirriżulta mill-miżura.** Abbażi tal-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, "ħsara sinifikanti" fil-kuntest tal-RRF hija vvalutata billi jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja. L-applikazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja minflok li ssir valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja hija biżżejjed għall-finijiet tal-valutazzjoni tad-DNSH fil-kuntest tal-RRF ([22]). L-ambitu tal-valutazzjoni jenħtieġ li jinkorpora l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-użu u tat-tmiem tal-ħajja – kull fejn tkun mistennija l-aktar ħsara. Pereżempju, fil-każ ta' xi miżura li ssostni x-xiri ta' vetturi, il-valutazzjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, it-tniġġis (eż. l-emissjonijiet fl-arja) iġġenerat waqt l-assemblaġġ, it-trasport u l-użu tal-vetturi, u l-immaniġġjar xieraq, bħala skart, tal-vetturi fi tmiem ħajjithom. B'mod partikolari, ġestjoni xierqa ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji u tal-elementi elettroniċi (eż. l-użu mill-ġdid tagħhom u/jew ir-riċiklaġġ ta' materja prima kritika fihom) jenħtieġ li tiżgura li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-objettiv ambjentali tal-ekonomija ċirkolari.

**Miżuri li jippromwovu elettrifikazzjoni akbar (eż. fl-industrija, it-trasport u l-bini) huma kkunsidrati kompatibbli mal-valutazzjoni tad-DNSH għall-objettiv ambjentali tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.** Biex tkun tista' ssir il-bidla effettiva lejn ekonomija newtrali għall-klima, għandhom ikunu mħeġġa miżuri li jwasslu għal elettrifikazzjoni akbar ta' setturi ewlenin bħall-industrija, it-trasport u l-kostruzzjoni (eż. investiment fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku; il-bini ta' infrastruttura elettrika mal-ġenb tat-triq; il-ħżin tal-elettriku; batteriji għall-mobbiltà; pompi tas-sħana). Il-ġenerazzjoni tal-elettriku għadha mhijiex attività newtrali għall-klima madwar l-UE (l-intensità tas-$CO_2$ tat-taħlita tal-elettriku tvarja fost l-Istati Membri), u fil-prinċipju ż-żieda fil-konsum tal-elettriku b'intensità qawwija ta' karbonju tirrappreżenta effett primarju indirett ta' tali miżuri, tal-inqas fuq terminu qasir. Madankollu, l-użu ta' dawn it-teknoloġiji u infrastruttura huwa meħtieġ biex ikun hawn ekonomija newtrali għall-klima, flimkien ma' miżuri biex jinkisbu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet GHG għall-2030 u l-2050, u fl-UE diġà hemm fis-seħħ qafas ta' politika għad-dekarbonizzazzjoni tal-elettriku u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. F'dan il-kuntest, dawn l-investimenti jenħtieġ li jitqiesu bħala konformi mad-DNSH fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-RRF, dment li l-Istati Membri jiġġustifikaw li żieda fl-elettrifikazzjoni tkun akkumpanjata minn żieda fil-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-livell nazzjonali. Barra minn dan, l-Istati Membri jkollhom madankollu juru li dawn il-miżuri ma jagħmlux xi ħsara sinifikanti lill-ħames objettivi ambjentali l-oħra.

**Fil-każ ta' attivitajiet ekonomiċi fejn ikun hemm alternattiva b'impatt ambjentali baxx li tkun teknoloġikament u ekonomikament fattibbli, il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali negattiv ta' kull miżura jenħtieġ li ssir quddiem xenarju ta' "l-ebda intervent" billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-effett ambjentali tal-miżura f'termini assoluti** ([23]). Dan l-approċċ jikkonsisti fil-kunsiderazzjoni tal-impatt ambjentali tal-miżura, meta mqabbel ma' sitwazzjoni fejn ma jkun hemm l-ebda impatt ambjentali negattiv. L-impatt ta' miżura mhuwiex ivvalutat meta mqabbel mal-impatt ta' xi attività oħra eżistenti jew prevista li l-miżura inkwistjoni tista' tkun qed tissostitwixxi ([24]). Pereżempju, jekk jiġi vvalutat xi impjant idroelettriku li jkun jenħtieġ il-bini ta' diga f'żona mhux mittiefsa, l-impatt tad-diga jiġi vvalutat fl-isfond ta' kuntest fejn ix-xmara kkonċernata tibqa' fl-istat naturali tagħha, aktar milli jitqies użu alternattiv possibbli differenti taż-żona. B'mod

---

([21]) Dan l-approċċ isegwi l-Artikolu 17 ("*Ħsara sinifikanti għall-objettivi ambjentali*") tar-Regolament dwar it-Tassonomija, li jirrikjedi li jitqiesu l-impatti ambjentali tal-attività u tal-prodotti u s-servizzi pprovduti minn dik l-attività matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

([22]) Fil-prattika, dan ifisser li mhumiex meħtieġa analiżijiet attributtivi jew konsegwenzjali taċ-ċiklu tal-ħajja (eż. inklużi l-impatti ambjentali indiretti tal-bidliet teknoloġiċi, ekonomiċi jew soċjali minħabba l-miżura). Madankollu, l-evidenza mill-analiżijiet eżistenti taċ-ċiklu tal-ħajja tista' tintuża biex tissostanzja l-valutazzjoni tad-DNSH.

([23]) Dan l-approċċ japplika b'mod partikolari għal miżuri taħt l-RRF li huma relatati ma' investimenti pubbliċi, jew li jinvolvu direttament nefqa tal-gvern. Fil-każ ta' miżuri relatati mal-implimentazzjoni tar-riformi, bħala regola, il-valutazzjoni tad-DNSH jenħtieġ li titwettaq b'referenza għall-istatus quo qabel l-implimentazzjoni tal-miżura.

([24]) Dan l-approċċ huwa konformi mal-loġika tar-Regolament dwar it-Tassonomija: skont l-abbozzi tal-att delegat, bosta mill-kriterji tekniċi ta' skrinjar dwar id-DNSH huma bbażati fuq kriterji *assoluti*, bħal-limiti speċifiċi tal-emissjonijiet (eż. limiti ta' $CO_2$ fil-każ ta' soluzzjonijiet ta' adattament fl-attivitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jew għall-vetturi tal-passiġġieri). L-approċċ huwa appoġġat ukoll mill-prinċipju ta' prekawzjoni, li huwa wieħed mill-prinċipji gwida tal-liġijiet ambjentali fl-UE, inkluż ir-Regolament dwar it-Tassonomija (il-Premessa 40 u l-Artikolu 19(1)(f)) u jirriżulta mill-fatt li l-ħsara lill-ambjent jeħtieġ li titqies minn perspettiva assoluta u mhux relattiva (eż. it-tisħin globali jirriżulta minħabba l-livell assolut tat-totalità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra).

simili, jekk xi skema għall-iskreppjar tal-karozzi jkollha l-għan li tissostitwixxi karozzi ineffiċjenti b'karozzi aktar effiċjenti li jiddependu fuq magni tal-kombustjoni interna, l-impatt tal-karozzi ġodda b'magni tal-kombustjoni interna jiġi evalwat f'termini assoluti peress li jeżistu alternattivi b'impatt baxx (eż. karozzi b'emissjonijiet żero), aktar milli jitqabbel mal-impatt tal-karozzi ineffiċjenti li jkunu qed jissostitwixxu (ara l-Anness IV, Eżempju 5, li juri eżempju ta' nuqqas ta' konformità mad-DNSH).

**Għal attivitajiet ekonomiċi fejn ma hemm l-ebda alternattiva teknoloġikament jew ekonomikament** ([25]) **fattibbli b'impatt ambjentali baxx, l-Istati Membri jistgħu jagħtu prova li miżura ma tkun tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti bl-adozzjoni tal-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur**. F'dawn il-każijiet, id-DNSH tiġi vvalutata meta mqabbla mal-aħjar livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali fis-settur. Jeħtieġ li jiġu applikati għadd ta' kundizzjonijiet għal dan l-approċċ, inkluż il-fatt li l-attività twassal b'mod sinifikanti għal prestazzjoni ambjentali aħjar mill-alternattivi disponibbli, tevita effetti ta' intrappolament li jagħmlu ħsara lill-ambjent, u ma tfixkilx l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi b'impatt baxx ([26]), ([27]). Dan l-approċċ jentieġ li jiġi applikat fil-livell ta' settur, jiġifieri jenħtieġ li jiġu esplorati l-alternattivi kollha fi ħdan is-settur ([28]).

**Fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, il-miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu tal-fjuwils fossili, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bħala regola ġenerali jenħtieġ li ma jitqisux konformi skont id-DNSH għall-finijiet tal-RRF, minħabba l-eżistenza ta' alternattivi b'livell baxx ta' karbonju**. Minn perspettiva ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jistgħu jsiru eċċezzjonijiet limitati għal miżuri relatati mal-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana bl-użu tal-gass naturali, kif ukoll ma' infrastruttura relatata ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, għal din ir-regola ġenerali, fuq bażi ta' każ b'każ. Dan huwa rilevanti b'mod speċifiku għall-Istati Membri li jiffaċċjaw sfidi sinifikanti fit-tranżizzjoni lil hinn minn sorsi ta' enerġija aktar intensivi fl-użu tal-karbonju, bħall-faħam, il-linjite jew iż-żejt, u fejn xi miżura jew taħlita ta' miżuri jkunu jistgħu għalhekk iwasslu għal tnaqqis partikolarment kbir u rapidu fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Dawk l-eċċezzjonijiet se jkollhom jikkonformaw ma' għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, sabiex jiġu evitat effetti ta' intrappolament intensiv ta' karbonju u jkunu konformi mal-objettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE għall-2030 u l-2050. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jagħtu prova tal-konformità mad-DNSH ta' dawn il-miżuri għall-ħames objettivi ambjentali li jifdal.

**Biex jiġi żgurat li l-miżuri jibqgħu validi fil-futur u ma jwasslux għal effetti ta' intrappolament dannużi, u biex jiġu promossi effetti dinamiċi ta' benefiċċju, jistgħu jkunu meħtieġa riformi u investimenti ta' akkumpanjament.** Eżempji ta' miżuri ta' akkumpanjament bħal dawn jinkludu li t-toroq jiġu mgħammra b'infrastruttura ta' livell baxx ta' karbonju (eż. stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jew stazzjonijiet tal-fjuwil tal-idroġenu) u l-istabbiliment ta' tariffi xierqa ta' aċċess tat-toroq jew għall-konġestjoni, jew riformi u investimenti usa' għad-dekarbonizzazzjoni tat-taħlitiet tal-elettriku jew tas-sistemi tat-trasport nazzjonali. Filwaqt li dawn ir-riformi u l-investimenti addizzjonali jistgħu jiġu indirizzati fi ħdan l-istess miżura, permezz ta' xi submiżura, dan mhux dejjem ikun possibbli. Għalhekk, għandha tingħata flessibbiltà biex tippermetti lill-Istati Membri f'ċirkostanzi limitati u fuq bażi ta' każ b'każ biex jagħtu prova li jkunu qed jevitaw effetti negattivi ta' intrappolament billi jiddependu fuq miżuri ta' akkumpanjament fl-RRP.

([25]) Biex jintwera li xi alternattiva b'impatt ambjentali baxx ma tkunx ekonomikament fattibbli, l-Istati Membri jkunu jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kosti li jiġu kkawżati tul il-ħajja kollha tal-miżura. Dawn il-kosti jinkludu esternalitajiet ambjentali negattivi u l-ħtiġijiet ta' investiment fil-futur li jkunu neċessarji għall-bidla lejn alternattiva b'impatt ambjentali baxx, l-evitar ta' effetti ta' intrappolament jew kemm ikun se jittellef l-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi b'impatt baxx.

([26]) Il-premessi 39 u 41, kif ukoll l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Tassonomija, jistabbilixxu d-definizzjoni ta' "attivitajiet ta' tranżizzjoni". Il-kundizzjonijiet deskritti hawn jitnisslu minn dik id-definizzjoni iżda mhumiex l-istess, peress li r-Regolament dwar it-Tassonomija jiddefinixxi kriterji għal attivitajiet ta' tranżizzjoni li jagħtu kontribut sostanzjali, filwaqt li din il-gwida tistabbilixxi kriterji għad-DNSH biss, u bħala tali hija applikabbli għal ġabra usa' ta' miżuri u tapplika test sostantiv differenti.

([27]) Dan l-approċċ, u l-valutazzjoni DNSH b'mod kumplessiv, huwa mingħajr preġudizzju għal kunsiderazzjonijiet oħra li jaffettwaw il-valutazzjoni ta' miżuri fil-kuntest tal-RRPs, inkluż kunsiderazzjonijiet assoċjati mal-kontroll fuq l-għajnuna mill-Istati, il-konsistenza ma' fondi oħra mill-UE, u l-possibbiltà tal-esklużjoni tal-investiment privat. F'rabta mal-miżuri li jsostnu attivitajiet koperti b'mod partikolari mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), sabiex ma jiġux ikkawżati distorsjonijiet fis-sinjali tas-suq li jingħataw mill-ETS u f'konformità mal-approċċ skont il-Fond għal Tranżazzjoni Ġusta, jenħtieġ li, ġeneralment. l-attivitajiet b'emissjonijiet projettati b'ekwivalenza $CO_2$ li ma jkunux sostanzjament anqas mill-livelli ta' referenza relevanti stabbiliti għall-allokazzjoni ma jingħatawx sostenn skont l-RRF.

([28]) F'każijiet fejn anke l-aqwa livelli disponibbli ta' prestazzjoni ambjentali xorta jkun iwassal għal effetti ta' intrappolament li jagħmlu ħsara lill-ambjent, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati miżuri li jappoġġaw ir-riċerka dwar u l-iżvilupp ta' alternattivi b'impatt aktar baxx, f'konformità mal-oqsma ta' intervent 022 u 023, stabbiliti fil-"Metodoloġija għat-trekkjar tal-klima" annessa mar-Regolament RRF.

**Il-konformità mad-DNSH, skont dawn il-prinċipji gwida, għandha tiġi integrata fit-tfassil tal-miżuri, inkluż fil-livell tal-istadji importanti u tal-miri.** Jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-miżuri fir-RRP tkun tirrifletti l-kunsiderazzjonijiet rilevanti tad-DNSH mill-bidu nett. Dan jista' jfisser li jiġu integrati l-kunsiderazzjonijiet tad-DNSH u l-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa li jkollhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità fl-istadji importanti u fil-miri korrispondenti jew fil-proċessi tas-sejħiet għall-offerti u tal-akkwist [29]. Pereżempju, miżura li tistabbilixxi investimenti fi proġett kbir ta' infrastruttura tat-toroq, li dwarha kellha titwettaq VIA qabel ma jinħarġu l-permessi rilevanti, tista' tispeċifika bħala pass importanti l-implimentazzjoni tal-passi ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent li rriżultaw mill-VIA. Fir-rigward tal-proċess tal-offerti jew tal-akkwist għal dan it-tip ta' proġett, it-tfassil tal-miżura jista' jistabbilixxi li l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta jew tal-akkwist ikun fihom kundizzjonijiet speċifiċi relatati mad-DNSH, Dan jista' jinkludi, pereżempju perċentwal minimu ta' skart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni li jitħejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Bl-istess mod, jenħtieġ li fid-deskrizzjoni ta' din il-miżura jiġu integrati miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw il-bidla lejn modi ta' trasport aktar nodfa, bħal riformi relatati mal-prezz għall-użu tat-toroq, investimenti li jappoġġaw il-bidla modali lejn il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni jew inċentivi għall-użu tat-trasport pubbliku. Għandhom jitfasslu miżuri ta' natura aktar ġenerali, bħal skemi wiesgħa ta' appoġġ għall-industrija (eż. strumenti finanzjarji li jkopru investimenti f'kumpaniji f'diversi setturi), biex jiġi żgurat li l-investimenti rilevanti jkunu jaderixxu mad-DNSH.

### 2.5 *L-applikabbiltà tal-kriterji tekniċi ta' skrinjar tar-Regolament dwar it-Tassonomija*

**L-Istati Membri mhumiex obbligat jirreferu għall-"kriterji tekniċi ta' skrinjar" (kriterji kwantitattivi u/jew kwalitattivi) stabbiliti dkont ir-Regolament dwar it-Tassonomija sabiex tiġi sostanzjata l-konformità mad-DNSH.** Skont ir-Regolament RRF [30], jenħtieġ li d-dħul fis-seħħ tal-atti delegati li fihom kriterji tekniċi ta' skrinjar [31] ma jaffettwax il-gwida teknika pprovduta mill-Kummissjoni. Madankollu, meta jivvalutaw il-konformità mad-DNSH, l-Istati Membri għandhom l-għażla li jistrieħu fuq il-kriterji tekniċi ta' skrinjar fl-atti delegati skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija. Jistgħu jirreferu wkoll għall-verżjoni abbozzata tal-atti delegati.

## 3. L-Istati Membri kif għandhom juru b'mod konkret fil-pjanijiet tagħhom li l-miżuri jikkonformaw mad-DNSH?

**Biex tiffaċilita l-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tad-DNSH mill-Istati Membri fl-RRPs tagħhom, il-Kummissjoni ħejjiet lista ta' kontroll (ara l-Anness I)**, li jenħtieġ li tintuża mill-Istati Membri biex isostnu l-analiżi tagħhom ta' kif kull miżura hija relatata mad-DNSH. Il-Kummissjoni mbagħad se tuża din l-informazzjoni biex tivvaluta jekk u kif kull miżura fl-RRP tkun tirrispetta d-DNSH, skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament RRF.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jwieġbu l-mistoqsijiet stabbiliti fil-lista ta' kontroll, u jintegraw it-tweġibiet fl-RRP tagħhom**, bħala parti mid-deskrizzjoni ta' kull miżura (ara l-Parti 2, it-Taqsima 8 tal-Mudell tal-Kummissjoni – *ma tagħmlix ħsara sinifikanti*). Fejn meħtieġ għall-appoġġ tal-valutazzjoni pprovduta fil-lista ta' kontroll, l-Istati Membri huma mistiedna wkoll jipprovdu analiżi addizzjonali u/jew dokumenti ta' sostenn, b'mod immirat u limitat, biex ikomplu jissostanzjaw it-tweġibiet tagħhom għal-lista ta' mistoqsijiet.

**Il-lista ta' kontroll hija bbażata fuq is-siġra tad-deċiżjonijiet li ġejja, li għandha tintuża għal kull miżura tal-RRP.** It-taqsima ta' hawn taħt tipprovdi aktar informazzjoni dwar iż-żewġ stadji tas-siġra tad-deċiżjonijiet.

---

[29] Stadji importanti u miri, inkluż dawk li jirriflettu l-konformità mad-DNSH, huma suġġetti, bħall-istadji importanti u l-miri l-oħra kollha, għall-Artikolu 19a tar-Regolament RRF (*Regoli dwar il-pagamenti, is-sospensjoni u t-terminazzjoni ta' ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-għajnuna għas-self*).

[30] Il-Premessa 11b tar-Regolament RRF.

[31] Abbażi tal-Artikolu 3(d) tar-Regolament dwar it-Tassonomija ( "*Kriterji għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli*"), il-Kummissjoni ghandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jkun fihom kriterji tekniċi dettaljati ta' skrinjar (kriterji kwantitattivi u/jew kwalitattivi) biex tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tkun tista' (i) tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għal wieħed mis-sitt objettivi ambjentali; u (ii) li ma tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali oħra. S'issa, ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni att delegat wieħed relatat mal-mitigazzjoni tal-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Jista' jinstab hawn: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12302-Climate-change-mitigation-and-adaptation-taxonomy#ISC_WORKFLOW




*Dijagramma deċiżjonali*

***Stadju 1: Jiġu ffiltrati s-sitt objettivi ambjentali biex jiġu identifikati dawk li jeħtieġu valutazzjoni sostantiva***

**Bħala l-ewwel pass, l-Istati Membri huma mistiedna jimlew il-Parti 1 tal-lista ta' kontroll (ara l-Anness I), biex jidentifikaw liema mis-sitt objettivi ambjentali jirrikjedu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura.** Dan l-ewwel skrinjar ta' livell għoli se jiffaċilita l-analiżi tal-Istati Membri, billi jiddistingwi bejn l-objettivi ambjentali li għalihom il-valutazzjoni tad-DNSH se tkun teħtieġ valutazzjoni sostantiva, u dawk li għalihom approċċ simplifikat (ara t-Taqsima 2.2) jista' jkun biżżejjed.

*Parti 1 tal-lista ta' kontroll*

| Jekk jogħġbok indika liema mill-objettivi ambjentali hawn taħt jeħtieġu valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura | Iva | Le | Ġustifikazzjoni jekk l-għażla tkun "Le" |
|---|---|---|---|
| Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | | | |
| Adattament għat-tibdil fil-klima | | | |
| l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; | | | |
| L-ekonomija ċirkolari, inklużi l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart | | | |
| Il-prevenzjoni u kontroll tat-tniġġis fl-arja, l-ilma jew l-art | | | |
| Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. | | | |

**Meta t-tweġiba tkun "le", l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu ġustifikazzjoni qasira (fil-kolonna tal-lemin), għaliex l-objettiv ambjentali ma jeħtieġx valutazzjoni sostantiva tad-DNSH tal-miżura**, abbażi ta' wieħed mill-każijiet li ġejjin (li għandu jiġi indikat mill-Istati Membri) (ara t-Taqsima 2.2):

a. Il-miżura ma għandha l-ebda impatt prevedibbli fuq l-objettiv ambjentali, jew impatt insinifikanti relatat mal-effetti diretti u indiretti primarji tal-miżura tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, minħabba n-natura tagħha, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv relevanti;

b. Il-miżura tiġi ttrekkjata bħala li tappoġġa objettiv tat-tibdil fil-klima jew ambjentali b'koeffiċjent ta' 100 %, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv rilevanti;

c. Il-miżura "tikkontribwixxi b'mod sostanzjali" għal objettiv ambjentali, skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija, u bħala tali titqies konformi mad-DNSH fejn jidħol l-objettiv rilevanti.

Għall-miżuri tal-RRP li għalihom l-approċċ simplifikat ikun biżżejjed, l-ispjegazzjonijiet mitluba (il-kolonna tal-lemin) jistgħu jiġu limitati għal minimu u jekk ikun utli jingħabru flimkien, biex b'hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jiffukaw fuq id-dimostrazzjoni tal-valutazzjoni tad-DNSH għal dawk il-miżuri fejn tkun meħtieġa analiżi sostantiva tal-ħsara sinifikanti possibbli.

Meta t-tweġiba tkun "iva", l-Istati Membri huma mistiedna jipproċedu għall-Istadju 2 tal-lista ta' kontroll għall-objettivi ambjentali korrispondenti.

*Għal eżempji mfassla fir-rigward ta' dan il-pass, ara l-Anness IV.*

***Stadju 2: Tiġi pprovduta valutazzjoni sostantiva tad-DNSH għal dawk l-objettivi ambjentali li jeħtiġuha***

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta' għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | It-12 ta' Novembru 2020 |
| Każ Nru | 85836 |
| Deċiżjoni Nru | 133/20/COL |
| Stat tal-EFTA | In-Norveġja |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Ir-4 emenda għall-iSkema ta' Garanzija COVID-19 |
| Bażi ġuridika | Forskrift om endring i forskrift 27. mars 2020 nr. 490 til lov om statlig garantiordning for lån til små og mellomstore bedrifter, FOR-2020-03-27-490 |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Objettiv | Li jiġi żgurat l-aċċess għal-likwidità għal impriżi li jiffaċċjaw nuqqas f'daqqa ta' likwidità minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 |
| Forma tal-għajnuna | Garanziji Pubbliċi |
| Baġit | NOK 50 biljun (għall-iskema kif emendata) |
| Tul ta' żmien | Is-26 ta' Marzu 2020 - it-30 ta' Ġunju 2021 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti | GIEK, l-Aġenzija Norveġiża għall-Garanzija ta' Kreditu għall-Esportazzjoni<br>Pb 1763 Vika<br>N-0122 Oslo<br>IN-NORVEĠJA |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/

**Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni**

(2021/C 58/09)

L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta’ għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | L-Erbgħa, 28 ta’ Ottubru 2020 |
| Każ Nru | 85631 |
| Deċiżjoni Nru | 123/20/COL |
| Stat tal-EFTA | In-Norveġja |
| Titolu | Skema ta’ għotjiet għax-xandir lokali |
| Bażi ġuridika | Ir-Regolament tad-19 ta’ Frar 2016 Nru 166 dwar għotjiet għal xandir lokali |
| Tip ta’ miżura | Skema ta’ għajnuna |
| Objettiv | Il-pluraliżmu tal-media, il-libertà tal-espressjoni, u t-tisħiħ tal-funzjoni demokratika tax-xandir lokali |
| Forma tal-għajnuna | Għotja |
| Baġit | NOK 22 miljun fis-sena |
| Intensità | 80 % |
| Tul ta’ żmien | Mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2026 |
| Setturi ekonomiċi | Media |
| Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti | The Norwegian Media Authority<br>Nygata 4<br>N-1607 Fredrikstad<br>NORWAY |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA: http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/

**Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni**

(2021/C 58/10)

L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta’ għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | Il-11 ta’ Novembru 2020 |
| Każ Nru | 85838 |
| Deċiżjoni Nru | 131/20/COL |
| Stat tal-EFTA | In-Norveġja |
| Titolu | Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali differenzjati b’mod reġjonali 2021 |
| Bażi ġuridika | Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament annwali dwar ir-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali eċċ, u t-Taqsima 23-2 tal-Att Nru 19 tat-28 ta’ Frar 1997 dwar l-Iskema ta’ Assigurazzjoni Nazzjonali (Folketrygdloven) |
| Tip ta’ miżura | Skema |
| Objettiv | Għajnuna reġjonali |
| Forma tal-għajnuna | Tnaqqis fit-taxxa |
| Intensità | 3,1 sa 12,4 |
| Durata | 1.1.2021–31.12.2021 |
| Setturi ekonomiċi | Orizzontali. Is-setturi kollha huma koperti mil-Linji gwida għall-Għajnuna Reġjonali 2014-2021 |
| Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti | Il-Gvern tan-Norveġja |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA: http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/

**Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni**

(2021/C 58/11)

L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta’ għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | Id-19 ta’ Ottubru 2020 |
| Każ Nru | 85613 |
| Deċiżjoni Nru | 119/20/COL |
| Stat tal-EFTA | In-Norveġja |
| Reġjun | Vestfold og Telemark |
| Titlu (u/jew isem il-benefiċjarju) | Kumpens b’rabta mal-COVID-19 lil Dyrsku’n Arrangement AS |
| Bażi ġuridika | Ittra ta’ allokazzjoni mill-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Ikel lil Dyrsku’n Arrangement AS, li timplimenta l-objettiv tad-deċiżjoni tad-9 ta’ Ottubru 2020 tal-Parlament Norveġiż dwar l-approprjazzjoni ta’ għajnuna mill-Istat bl-ammont ta’ NOK 11,2-il miljun. |
| Tip ta’ miżura | Għajnuna individwali |
| Objettiv | Kumpens għal dannu kkawżat minħabba okkorrenza eċċezzjonali |
| Forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| Baġit | NOK 11,2-il miljun |
| Intensità | 68,70 % (stima) |
| Setturi ekonomiċi | Organizzazzjoni ta’ konvenzjonijiet u wirjiet tan-negozju; Postijiet għall-kampeġġ, parks għal vetturi ta’ rikreazzjoni u parks għat-trejlers. Akkomodazzjoni oħra. |
| Isem u indirizz tal-awtorità awtorizzanti | Il-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Ikel<br>Postboks 8007 Dep.<br>N-0030 Oslo<br>IN-NORVEĠJA |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit web tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA: http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/

**Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni li ma ssir ebda oġġezzjoni**

(2021/C 58/12)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ma ssib l-ebda oġġezzjoni għall-miżura ta' għajnuna mill-Istat li ġejja:

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | Is-6 ta' Novembru 2020 |
| Il-Każ Nru | 85844 |
| Id-Deċiżjoni Nru | 129/20/COL |
| Stat tal-EFTA | L-Iżlanda |
| It-titolu | Għotjiet għat-telf tal-introjtu minħabba l-COVID-19 |
| Il-bażi ġuridika | L-Att dwar l-għajnuna għall-impriżi ffaċċjati b'telf ta' introjtu minħabba l-pandemija tal-coronavirus (i. *lög um tekjufallsstyrki*) |
| It-tip ta' miżura | Għotjiet diretti |
| L-objettiv | L-objettiv tal-miżura huwa li jinżamm il-livell tal-impjiegi u tal-attività ekonomika fl-Iżlanda billi jiġu appoġġati l-impriżi li ġarrbu telf temporanju ta' introjtu minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri imposti biex jiġi miġġieled it-tixrid tal-virus. |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotjiet diretti |
| Il-baġit | ISK 23,3 biljun |
| Għal kemm żmien | Sal-1 ta' Mejju 2021 |
| Is-setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| L-isem u l-indirizz tal-awtorità awtorizzanti | Iceland Revenue and Customs<br>Tryggvagata 19<br>101 Reykjavík<br>Iceland |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, jinsab fis-sit web tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA: http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/decisions/

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**AVVIŻ TA’ KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

(2021/C 58/13)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjoni ġenerali li ġejja:

EPSO/AST/148/21

QARREJJA TAL-PROVI / EDITURI LINGWISTIĊI (AST 3) għal dawn il-lingwi li ġejjin:

Grieg (EL), Spanjol (ES), Estonjan (ET), Irlandiż (GA), Taljan (IT) u Portugiż (PT)

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat f’24 lingwa f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 58 A tat-18 ta’ Frar 2021.

Tista’ ssib aktar informazzjoni fuq is-sit web tal-EPSO: https://epso.europa.eu/home_mt

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-EFTA

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti tal-EFTA minn Borgarting Lagmannsrett fi proċedimenti kriminali kontra P**

**(Il-Kawża E-15/20)**

(2021/C 58/14)

Saret talba lill-Qorti tal-EFTA datata s-16 ta' Ottubru 2020 minn *Borgarting Lagmannsrett* (il-Qorti tal-Appell ta' Borgarting), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2020, għal Opinjoni Konsultattiva fi proċedimenti kriminali kontra P fir-rigward tal-mistoqsijiet li ġejjin:

Mistoqsija 1

L-Artikoli 3 u 7(a) tal-Ftehim ŻEE, moqrija flimkien mar-Regolament 883/2004, b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5 u 7, moqrija flimkien mal-Kapitolu 6, jeskludu l-eżistenza ta' xi skema nazzjonali li taħtha:

a) ikun hemm bħala kundizzjoni għall-intitolament għall-benefiċċji tal-qgħad li l-persuna qiegħda jkollha soġġorn ("oppholder seg") fin-Norveġja (ara t-Taqsima 4-2 tal-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali); kif ukoll

b) ikun hemm provvediment, fir-Regolament dwar il-Benefiċċji tal-Qgħad nazzjonali, għal eżenzjoni mill-obbligu ta' soġġorn, inkluża d-dispożizzjoni fl-Artikolu 64 tar-Regolament 883/2004, li tkun ukoll implimentata fir-Regolament ta' Traspożizzjoni?

Mistoqsija 2

Irrispettivament mir-risposta għall-mistoqsija 1, skema kif deskritta fil-mistoqsija 1 hija restrizzjoni skont ir-regoli tal-Ftehim ŻEE dwar il-moviment liberu, inklużi l-Artikoli 28, 29 u 36?

Jekk iva, tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata b'referenza għar-raġunijiet li ġejjin:

i. li s-soġġorni fl-Istat kompetenti normalment jitqiesu bħala li jagħtu lill-persuna qiegħda inċentiv u opportunitajiet aħjar biex tfittex u ssib impjieg, inkluż li tkun tista' tibda malajr f'impjieg li tista' possibbilment issib;

ii. li s-soġġorni fl-Istat kompetenti normalment jitqiesu bħala li jgħinu lill-persuna qiegħda biex tkun disponibbli għas-servizzi tal-impjiegi, u li dik il-preżenza fin-Norveġja tagħmilha possibbli għall-amministrazzjoni pubblika li tissorvelja jekk il-persuna tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet biex tirċievi l-benefiċċju fi flus kontanti mħallsa f'każ ta' qgħad – inkluż li l-persuna qiegħda fil-fatt tkun qiegħda u ma għandhiex sorsi moħbija ta' dħul, jekk hix persuna ġenwina li qed tfittex impjieg, jekk hix involuta fi tfittxija attiva għal impjieg jew tipparteċipax f'attivitajiet oħra mmirati biex issib impjieg;

iii. li s-soġġorni fl-Istat kompetenti normalment jitqiesu bħala li jagħtu lis-servizzi tal-impjieg opportunitajiet aħjar biex jivvalutaw jekk il-persuna qiegħda hijiex qed tingħata segwitu xieraq; kif ukoll

iv. li l-iskema nazzjonali tippermetti li wieħed jirċievi benefiċċji tal-qgħad fi Stat ieħor taż-ŻEE bil-kundizzjonijiet previsti mir-Regolament 883/2004.

Mistoqsija 3

Sa fejn huwa meħtieġ mir-risposti għad-domandi 1 u 2, isiru domandi ekwivalenti fir-rigward tad-Direttiva 2004/38, inklużi l-Artikoli 4, 6 u 7.

Mistoqsija 4

L-akkużat ġie mixli li pprovda informazzjoni falza lill-korp amministrattiv NAV dwar soġġorni fi Stat ieħor taż-ŻEE, u b'hekk żgwida lin-NAV biex jitħallas benefiċċji tal-qgħad li ma kienx intitolat għalihom minħabba li l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali jistabbilixxi kundizzjonijiet li jobbligaw soġġorn ("opphold") fin-Norveġja biex ikun jista' jirċievi benefiċċji tal-qgħad. Minħabba t-traspożizzjoni Norveġiża tar-Regolament 883/2004 (ara l-mistoqsija 1), l-użu tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar il-frodi u l-għoti ta' dikjarazzjoni falza f'każ bħal dak preżenti huwa konformi mal-prinċipji fundamentali tal-liġi taż-ŻEE bħall-prinċipju taċ-ċarezza u l-prinċipju taċ-ċertezza legali?

Mistoqsija 5

Fid-dawl tal-każ speċifiku bħal dak preżenti u t-traspożizzjoni min-Norveġja tar-Regolament 883/2004 (ara l-mistoqsija 1), is-sanzjoni bil-liġi kriminali hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità?

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika ta' bidu

## ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet tal-kalċju-siliċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2021/C 58/15)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li l-importazzjonijiet tal-kalċju-siliċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina qed ikunu l-oġġett ta' dumping u b'hekk qed jikkawżaw dannu ([2]) għall-Industrija tal-Unjoni.

### 1. Ilment

L-ilment tressaq fit-4 ta' Jannar 2021 minn Euroalliages ("l-ilmentatur"), assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-produtturi kollha tal-kalċju-siliċju fl-Unjoni . L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-kalċju-siliċju fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

Verżjoni pubblika tal-ilment u analiżi ta' kemm l-ilment ġie appoġġat mill-produtturi tal-Unjoni huma disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl għall-partijiet interessati.

### 2. Prodott investigat

Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa liga jew kompost kimiku li, skont il-piż, fih 16 % jew aktar ta' kalċju, 45 % jew aktar ta' siliċju, inqas minn 14 % ta' ħadid u mhux aktar minn 10 % ta' kwalunkwe element ieħor; hux ippreżentat bl-ingrossa jew le, imballat f'boroż jew f'tankijiet tal-azzar, magħluq fi pjanċi tal-azzar (jew wajer bil-qalba), jew ippreżentat mod ieħor ("il-prodott investigat"). Spiss jissejjaħ kalċju-siliċju ("CaSi").

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jippreżentaw informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott iridu jagħmlu dan fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika ([3]).

### 3. Allegazzjoni ta' dumping

Il-prodott li allegatament huwa oġġett ta' dumping huwa l-prodott investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat") li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7202 99 80 u ex 2850 00 60 (kodiċijiet TARIC 7202 99 80 30 u 2850 00 60 91). Il-kodiċijiet NM u TARIC qed jingħataw għall-informazzjoni biss.

L-ilmentatur iddikjara li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fit-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) It-terminu ġenerali "dannu" jirreferi għal dannu materjali kif ukoll għal theddida ta' dannu materjali jew dewmien materjali tal-istabbiliment ta' industrija kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku.
([3]) Ir-referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika jirreferu għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Biex jissostanzja l-allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-ilmentatur qagħad fuq l-informazzjoni inkluża fid-"Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-RPĊ", tal-20 ta' Diċembru 2017 ([4]). B'mod partikolari, l-ilmentatur ibbaża ruħu fuq it-taqsima speċifika dwar id-distorsjonijiet fil-fatturi tal-produzzjoni, u fuq it-taqsima dwar il-materja prima bħall-ġebla tal-ġir u l-kwarz u għal inputs materjali oħra, kif ukoll fuq il-kapitoli dwar id-distorsjonijiet ġenerali rigward l-enerġija u l-elettriku. L-ilmentatur għamel ukoll referenza għal studju settorjali dwar is-suq Ċiniż tal-ligi tal-ħadid ([5]) li jgħid li l-industrija Ċiniża tal-ligi tal-ħadid hija soġġetta għal gwida b'saħħitha tal-gvern u interferenza diskrezzjonali u kkonkluda li l-kumpaniji Ċiniżi f'din l-industrija "qed joperaw f'ambjent ta' suq distort li fih il-forzi kompetittivi mhumiex permessi li jistrutturaw is-suq domestiku u jallinjawh mas-swieq globali". Fl-aħħar nett, l-ilmentatur ibbaża ruħu fuq is-sejbiet u l-konklużjonijiet tar-rieżami ta' skadenza tal-anti-dumping ir-Regolament (UE) 2020/909 tat-30 ta' Ġunju 2020 dwar il-ferrosiliċju li stabbilixxa li l-industrija Ċiniża tal-ligi tal-ħadid hija soġġetta għal ħafna distorsjonijiet. Din is-sejba tapplika għall-industrija kollha tal-ligi tal-ħadid li tinkludi l-CaSi ([6]).

B'hekk, fid-dawl tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, l-allegazzjoni ta' dumping hija bbażata fuq paragun ta' valur normali maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott investigat, meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiż ikkonċernat.

Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li hemm provi biżżejjed skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament bażiku, li jissuġġerixxu li, minħabba li hemm distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu ta' prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat mhuwiex xieraq, u dan jirrikjedi li jingħata bidu għal investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Ir-rapport tal-pajjiż jinsab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ ([7]). L-evidenza kollha li tappoġġa l-intervent mill-Istat u d-distorsjonijiet fis-settur tal-kalċju-siliċju hija parti mill-verżjoni pubblika tal-ilment u disponibbli fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati.

## 4. **Allegazzjonijiet ta' dannu, ir-rabta ta' kawżalità u d-distorsjonijiet tal-materja prima**

### 4.1. ***Allegazzjonijiet ta' dannu/rabta ta' kawżalità***

L-ilmentatur ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu b'mod sinifikanti f'termini assoluti u f'termini ta' sehem mis-suq.

L-evidenza pprovduta mill-ilmentatur turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat investigat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-volumi tal-bejgħ tal-UE u fuq il-livell tal-prezzijiet miżmuma mill-industrija tal-UE, b'riżultat li kien hemm effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni, is-sitwazzjoni finanzjarja u s-sitwazzjoni tal-impjiegi kumplessivi tal-industrija tal-Unjoni.

### 4.2. ***Allegazzjoni ta' distorsjonijiet fil-materja prima***

L-ilmentatur ta provi biżżejjed ta' distorsjonijiet fil-materja prima, b'mod partikolari permezz ta' skema ta' pprezzar doppju, fir-RPĊ fir-rigward tal-prodott investigat. Il-provi mogħtija juru li l-elettriku jirrappreżenta 20 % tal-kost tal-produzzjoni tal-prodott investigat. L-ilment fih ukoll paragun tal-prezzijiet tal-elettriku fil-provinċji tat-tramuntana tar-RPĊ, fejn hemm l-esportaturi ewlenin tal-CaSI, u tal-prezz tal-esportazzjoni tal-elettriku esportat mill-istess provinċji, li juri li b'mod konsistenti, dan tal-aħħar huwa ferm ogħla. Barra minn hekk, l-ilment jindika li b'riżultat ta' din id-distorsjoni, il-prezz tal-elettriku fis-suq tar-RPĊ huwa ferm iktar baxx meta mqabbel mal-prezzijiet f'suq internazzjonali rappreżentattiv.

([4]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 20.12.2017, SWD (2017) 483 final/2, disponibbli hawnhekk: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf

([5]) Think!Desk China Research & Consulting, Prof. M. Taube, Analysis of State-induced Market distortions in the Chinese Ferroalloys and Silicon industries – Ferroalloy focus, Settembru 2018.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/909 tat-30 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ferrosiliċju li joriġinaw mir-Russja u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 208, 1.7.2020, p. 2).

([7]) Id-dokumenti msemmija fir-rapport tal-pajjiż jistgħu jinkisbu wkoll wara talba motivata kif xieraq.

Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni se teżamina d-distorsjonijiet allegati biex tivvaluta jekk, dejjem jekk rilevanti, dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jekk tul l-investigazzjoni jiġu identifikati distorsjonijiet oħra koperti mill-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni tista' tkopri wkoll dawn id-distorsjonijiet l-oħra.

## 5. **Proċedura**

Il-Kummissjoni, wara li stabbiliet u infurmat lill-Istati Membri li l-ilment ġie ppreżentat mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha, u li hemm biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' proċediment, b'dan qed tibda investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tiddetermina jekk il-prodott investigat, li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat huwiex l-oġġett ta' dumping, u jekk dawn l-importazzjonijiet ta' dumping ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

Jekk il-konklużjonijiet ikunu fl-affermattiv, l-investigazzjoni se teżamina jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku l-investigazzjoni se teżamina t-test ta' interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2018, (il-pakkett tal-Modernizzazzjoni tat-TDI) daħħal tibdiliet sinifikanti fl-iskeda ta' żmien u fl-iskadenzi li kienu applikabbli qabel fil-proċedimenti anti-dumping. Il-limiti ta' żmien biex il-partijiet interessati jippreżentaw ruħhom, b'mod partikolari fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet, tqassru.

Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-partijiet li wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ġiet ippubblikata Notifika ([9]) dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji li jistgħu jkunu applikabbli għal dan il-proċediment.

### 5.1. *Il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat*

L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu tal-investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

### 5.2. *Kummenti dwar l-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni*

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jikkummentaw dwar l-ilment (inklużi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dannu u mar-rabta ta' kawżalità) jew dwar kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-bidu tal-investigazzjoni (inkluż il-livell ta' sostenn għall-ilment) iridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Kwalunkwe talba għal seduta ta' smigħ fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

### 5.3. *Proċedura ta' kif jiġi stabbilit id-dumping*

Il-produtturi esportaturi ([10]) tal-prodott investigat huma mistiedna jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

---

([8]) Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

([9]) Dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

([10]) Produttur esportatur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi u tesporta l-prodott investigat lejn is-suq tal-Unjoni, jew direttament inkella permezz ta' parti terza, inkluża kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjoni tal-prodott investigat.

### 5.3.1. *Investigazzjoni tal-produtturi esportaturi*

#### 5.3.1.1. Il-proċedura sabiex jintgħażlu l-produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati fir-RPĊ

(a) Kampjunar

Fid-dawl tal-għadd potenzjalment kbir ta' produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat involuti f'dan il-proċediment, u sabiex l-investigazzjoni titlesta fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' produtturi esportaturi biex jiġu investigati għal wieħed raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess huwa magħruf ukoll bħala "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi f'dan l-indirizz:

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/ecba917e-c736-0124-915b-dee5fe7dca5e

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal Tron tinstab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.8.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi, il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ, u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi esportaturi.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi esportaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi esportaturi magħrufa kollha, l-awtoritajiet tar-RPĊ u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi se jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tar-RPĊ, jekk ikun xieraq, liema huma l-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi esportaturi, se tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk humiex inklużi fil-kampjun. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se żżid nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514

Il-kwestjonarju se jkun disponibbli wkoll għal kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi esportaturi, u għall-awtoritajiet tar-RPĊ.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi li jkunu qablu li jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("produtturi esportaturi li kkooperaw mhux fil-kampjun"). Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5.3.1.1(b) aktar 'l isfel, id-dazju anti-dumping li jista' jiġi applikat fuq l-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux fil-kampjun mhux se jaqbeż il-marġni medju ponderat ta' dumping stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ([11]).

(b) Marġni ta' dumping individwali għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun

Skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex parti mill-kampjun jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-marġnijiet ta' dumping individwali tagħhom. Il-produtturi esportaturi li jixtiequ jagħmlu talba għal marġni ta' dumping individwali jridu jimlew l-kwestjonarju u jrodduh lura komplut kif xieraq fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor. Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514

([11]) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe marġni żero u *de minimis*, u l-marġnijiet stabbiliti f'konformità maċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku mhumiex se jitqiesu.

Il-Kummissjoni se teżamina jekk il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun jistgħux jingħataw dazju individwali f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

Madankollu, il-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex parti mill-kampjun li jitolbu marġni ta' dumping individwali, għandhom ikunu konxji li l-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li ma tistabbilixxix marġni ta' dumping individwali tagħhom jekk, pereżempju, l-għadd ta' produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex parti mill-kampjun, tant ikun kbir, li jkun wisq diffiċli biex dan jiġi stabbilit u minħabba f'hekk l-investigazzjoni ma tkunx tista' titlesta fil-ħin.

5.3.2. *Proċedura addizzjonali fir-rigward tal-pajjiż ikkonċernat soġġett għal distorsjonijiet sinifikanti*

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-inputs u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (HS) ipprovduti fl-ilment, jipproponu pajjiż(i) rappreżentattiv(i) xieraq/xierqa u jipprovdu l-identità tal-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni f'dawk il-pajjiżi. Din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, ftit wara l-bidu tal-investigazzjoni, permezz ta' nota fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati, se tinforma lill-partijiet fl-investigazzjoni dwar is-sorsi rilevanti, kif ukoll dwar l-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv adattat, fejn ikun xieraq, li beħsiebha tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a). Il-partijiet fl-investigazzjoni se jingħataw 10 ijiem biex jikkummentaw dwar in-nota f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 2(6a). Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Brażil jista' jkun pajjiż terz rappreżentattiv xieraq.

Bl-għan li finalment tagħżel il-pajjiż terz rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni se teżamina jekk f'dawk il-pajjiżi terzi hemmx livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħal dak fir-RPĊ, hemmx produzzjoni u bejgħ tal-prodott investigat f'dawk il-pajjiżi terzi u jekk hemmx disponibbli d-*data* rilevanti. F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż terz wieħed rappreżentattiv, se tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiżi b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

Fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni tistieden lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ biex jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-materjali (mhux maħduma kif ukoll ipproċessati) u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott investigat fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi f'dan l-indirizz:

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/4848756d-ef04-defb-9797-7f02776792b7

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal Tron tinstab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.8.

Barra minn hekk, kwalunkwe sottomissjoni ta' informazzjoni biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-prezzijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku trid issir fi żmien 65 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Tali informazzjoni fattwali tista' tittieħed biss minn sorsi disponibbli pubblikament.

### 5.3.3. *Investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* ([12]) ([13])

L-importaturi mhux relatati tal-prodott investigat mir-RPĊ lejn l-Unjoni, huma mistiedna jieħdu sehem f'din l-investigazzjoni.

Fid-dawl tal-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan il-proċediment, u sabiex l-investigazzjoni titlesta sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

B'hekk, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha li mhumiex relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, mitluba fl-Anness ta' din in-Notifika fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lil xi assoċjazzjonijiet ta' importaturi magħrufa.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott investigat fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar il-kampjun tal-importaturi. Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li tkun meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqiegħed kwestjonarji għad-dispożizzjoni tal-importaturi mhux relatati li jkunu parti mill-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jippreżentaw il-kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja tal-kwestjonarju għall-importaturi hija disponibbli fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514

### 5.4. ***Proċedura għall-istabbiliment tad-dannu u għall-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni***

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li teħtieġ għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tagħmel il-kwestjonarji disponibbli għall-produtturi magħrufa tal-Unjoni, speċifikament lil:

— OFZ, a.s., Istebné

— Ferropem

Il-produtturi msemmija tal-Unjoni jridu jibagħtu l-kwestjonarju mimli fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

---

([12]) Din it-taqsima tkopri biss l-importaturi li mhumiex relatati mal-produtturi esportaturi. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi esportaturi għandhom jimlew il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi li huwa disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([13]) Id-*data* pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni għajr biex jiġi stabbilit id-dumping.

Il-produtturi tal-Unjoni li mhumiex elenkati hawn fuq huma mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, preferibbilment bil-posta elettronika, minnufih u mhux iktar tard minn sebat (7) ijiem wara l-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, sabiex jippreżentaw lilhom infushom u jitolbu kwestjonarju.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514

5.5. ***Proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni f'każ ta' allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet rigward il-materja prima***

F'każijiet ta' distorsjoni fuq il-materja prima kif definit fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se twettaq test dwar l-interess tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 7(2b) ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi, meta tistabbilixxi l-livell ta' dazji skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, li tapplika l-Artikolu 7(2), hija twettaq test dwar l-interess tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jipprovdu l-informazzjoni kollha pertinenti li tippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina jekk huwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġi stabbilit il-livell tal-miżuri skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, il-partijiet interessati huma mistiedna jipprovdu kwalunkwe informazzjoni dwar il-kapaċitajiet żejda fil-pajjiż ikkonċernat, il-kompetizzjoni għall-materja prima u l-effett fuq il-ktajjen ta' provvista għal kumpaniji fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni l-Kummissjoni tista' tikkonkludi li jkun fl-interess tal-Unjoni li jiġi applikat l-Artikolu7(2a) tar-Regolament bażiku.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21, dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi rappreżentattivi huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tingħata fil-format ta' test liberu jew billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott investigat, hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2514. L-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 titqies biss jekk tkun appoġġata minn evidenza fattwali meta tiġi ppreżentata.

5.6. ***Partijiet interessati***

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati bħall-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi rappreżentattivi, l-ewwel iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

Il-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li ppreżentaw informazzjoni disponibbli b'konformità mal-proċeduri deskritti fit-Taqsimiet 5.3.1, 5.3.3 u 5.4 hawn fuq jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

Partijiet oħra jkunu jistgħu jipparteċipaw biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument meta jippreżentaw ruħhom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat. Li parti titqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Segwi l-istruzzjonijiet f'dik il-paġna sabiex ikollok aċċess ([14]).

([14]) F'każ ta' problemi tekniċi kkuntattja lit-Trade Service Desk permezz tal-posta elettronika trade-service-desk@ec.europa.eu jew ċempel + 32 2 297 97 97.

### 5.7. *Possibbiltà ta' seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta ta' smigħ. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

L-iskeda ta' żmien għas-seduti ta' smigħ hija kif ġejja:

i. Għal kwalunkwe seduta ta' smigħ li ssir qabel ma tiskadi l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, jenħtieġ li t-talba ssir fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, u s-seduta ta' smigħ normalment isseħħ fi żmien 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

ii. Wara l-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji, jenħtieġ li ssir talba fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data tad-divulgazzjoni tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tad-divulgazzjoni jew mid-data tad-dokument ta' informazzjoni.

iii. Fl-istadju tal-konstatazzjonijiet definittivi, jenħtieġ li ssir talba fi żmien tlett (3) ijiem mid-data tad-divulgazzjoni finali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fil-perjodu mogħti biex isiru kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Jekk ikun hemm divulgazzjoni finali addizzjonali, jenħtieġ li ssir talba minnufih malli tasal din id-divulgazzjoni finali addizzjonali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir sal-iskadenza sabiex jiġu pprovduti kummenti dwar din id-divulgazzjoni.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-servizzi tal-Kummissjoni li jaċċettaw seduti ta' smigħ lil hinn mill-iskeda ta' żmien f'każijiet debitament ġustifikati u għad-dritt tal-Kummissjoni li tiċħad seduti ta' smigħ f'każijiet debitament ġustifikati. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jirrifjutaw talba għal seduta ta' smigħ, il-parti kkonċernata tiġi infurmata bir-raġunijiet għal tali rifjut.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jiġu mitluba jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

### 5.8. *Struzzjonijiet għal sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw informazzjoni u/jew *data* lill-Kummissjoni li jkunu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-dritt tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet bil-miktub kollha, inkluża l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jintalab trattament kunfidenzjali għalihom għandhom jiġu mmarkati "Sensitive" (sensittivi) ([15]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni mmarkata "Sensitive" huma obbligati jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties". Dawn is-sommarji jenħtieġ li jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tagħtix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora din l-informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni tkun korretta.

([15]) Dokument "Sensitive" huwa dokument li jitqies li hu kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi dokumenti skennjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni. Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/june/tradoc_152577.pdf Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jipprovdu jkun indirizz tal-posta elettronika uffiċjali tax-xogħol li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni se tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux espliċitament li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat G
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email:

Għal kwistjonijiet b'rabta mad-dumping:

TRADE-AD679-CALCIUM-SILICON-DUMPING@ec.europa.eu

Għal kwistjonijiet b'rabta mad-dannu:

TRADE-AD679-CALCIUM-SILICON-INJURY@ec.europa.eu

## 6. **Skeda tal-investigazzjoni**

Normalment, skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni tiġi konkluża fi żmien 13-il xahar u mhux aktar minn 14-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, normalment il-miżuri proviżorji jistgħu jiġu imposti sa mhux aktar tard minn seba' (7) xhur mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, iżda fi kwalunkwe każ sa mhux iktar tard minn tmien (8) xhur mill-pubblikazzjoni tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji erba' (4) ġimgħat qabel l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji. Il-partijiet interessati jingħataw tlett (3) ijiem tax-xogħol biex jikkummentaw bil-miktub dwar kemm huma preċiżi l-kalkoli.

F'każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma timponix dazji proviżorji iżda li tkompli l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jiġu infurmati, permezz ta' dokument ta' informazzjoni, bin-nuqqas ta' impożizzjoni ta' dazji erba' (4) ġimgħat qabel ma tiskorri l-iskadenza skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet interessati jingħataw 15-il jum biex jikkummentaw bil-miktub dwar il-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, u għaxart (10) ijiem biex jikkummentaw bil-miktub dwar il-konstatazzjonijiet definittivi, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn ikun applikabbli, id-divulgazzjoni finali addizzjonali tispeċifika l-iskadenza għall-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub.

## 7. **Preżentazzjoni tal-informazzjoni**

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fl-iskedi ta' żmien speċifikati fit-Taqsimiet 5 u 6 ta' din in-Notifika. Il-preżentazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni oħra mhux koperta minn dawn it-taqsimiet jenħtieġ li tirrispetta l-iskeda li ġejja:

i. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, kull informazzjoni għall-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji jenħtieġ li tiġi ppreżentata fi żmien 70 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

ii. Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, jenħtieġ li l-partijiet interessati ma jippreżentawx informazzjoni fattwali ġdida wara l-iskadenza għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni fl-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji. Wara din l-iskadenza, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss informazzjoni fattwali ġdida jekk ikunu jistgħu juru li tali informazzjoni fattwali ġdida hija meħtieġa biex tirribatti l-allegazzjonijiet fattwali magħmula minn partijiet interessati oħra u dment li tali informazzjoni fattwali ġdida tista' tiġi vverifikata fiż-żmien disponibbli biex l-investigazzjoni titlesta fil-ħin.

iii. Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi mandatorji, il-Kummissjoni ma taċċettax iktar preżentazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar finali addizzjonali.

## 8. Possibbiltà li jsiru kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu hekk, il-partijiet interessati jistgħu jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet ta' partijiet interessati oħra biss u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Tali kummenti jenħtieġ li jsiru skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

i. Jenħtieġ li kwalunkwe kumment dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra qabel l-iskadenza tal-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, isir mhux iktar tard mill-75 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

ii. Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, jiġu ppreżentati fi żmien sebat (7) ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar il-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

iii. Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar finali jiġu ppreżentati fi żmien tlett (3) ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar l-iżvelar finali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar isiru fi żmien jum (1) mill-iskadenza għal kummenti marbutin ma' din id-divulgazzjoni, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-qafas ta' żmien deskritt huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

## 9. Estensjoni tal-limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika

Kwalunkwe estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika tista' tingħata biss f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u tingħata biss jekk tkun ġustifikata minn raġuni tajba.

Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza tar-risposta għall-kwestjonarji se tkun limitata għal tlett (3) ijiem u bħala regola ma taqbiżx sebat (7) ijiem.

Rigward il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' Bidu, l-estensjonijiet se jkunu limitati għal tlett (3) ijiem dment li ma jintweriex li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

## 10. Nuqqas ta' kooperazzjoni

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limitu tal-iskadenzi, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, jistgħu jsiru konstatazzjonijiet proviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata, u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal din il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas li tingħata tweġiba kompjuterizzata ma għandux jitqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitluba tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spejjeż żejda mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja lill-Kummissjoni immedjatament.

## 11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti tal-kummerċ. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u kull talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati kompletament. Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta se jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-iskedi ta' żmien stabbiliti fit-taqsima 5.7 sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal iktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/

## 12. **Ipproċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tingħabar f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/

([16]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| ☐ | Verżjoni "Sensittiva" |
| ☐ | Verżjoni "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati" |

(immarka l-kaxxa rilevanti)

**PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING DWAR IMPORTAZZJONIJIET TAL-KALĊJU-SILIĊJU LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA**

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għat-talba għal informazzjoni rigward il-kampjunar li saret fil-punt 5.3.3 tan-Notifika ta' Bidu.

Kemm il-verżjoni "Sensittiva" kif ukoll il-verżjoni "Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati" jridu jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-Notifika ta' Bidu.

## 1. **DETTALJI TA' KUNTATT U IDENTITÀ**

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

| | |
|---|---|
| Isem il-kumpanija | |
| Indirizz | |
| Persuna ta' kuntatt | |
| Indirizz tal-posta elettronika | |
| Numru tat-telefon | |

## 2. **FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ**

Indika l-fatturat totali f'euro (EUR) tal-kumpanija tiegħek, u l-valur f'euro (EUR) u l-volum f'tunnellati tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, matul il-perjodu tal-investigazzjoni (is-sena 2020) ta' kalċju-siliċju kif iddefinit fin-Notifika ta' bidu.

| | Tunnellati | Valur f'euro (EUR) |
|---|---|---|
| Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR) | | |
| L-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott investigat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | | |
| L-importazzjonijiet tal-prodott investigat fl-Unjoni (minn kullimkien) | | |
| Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni tal-prodott investigat mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | | |

## 3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI ([1])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija tiegħek u l-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u speċifika r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (għall-esportazzjoni u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

| Isem u lokalità tal-kumpanija | Attivitajiet | Relazzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

## 4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tikkunsidra li tkun utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

## 5. ĊERTIFIKAZZJONI

Billi tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tiegħek tkun qed taqbel li possibbilment tiġi inkluża fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tiegħek tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssir żjara fuq il-post tal-kumpanija sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tiegħek tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Is-sejbiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx jissejsu fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

---

([1]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-azzjoni bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

**Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea**

(2021/C 58/16)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet ilment skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), li jallega li l-importazzjonijiet ta' polimeri superassorbenti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, huma l-oġġett ta' dumping u b'hekk qed ikunu ta' dannu ([2]) għall-industrija tal-Unjoni.

## 1. Ilment

L-ilment tressaq fl-4 ta' Jannar 2021 mill-Koalizzjoni Ewropea ta' Polimeri Superassorbenti, minn issa 'l quddiem "ESPC" (European Superabsorbent Polymer Coalition) jew "l-ilmentatur". L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

Verżjoni pubblika tal-ilment u analiżi tal-livell ta' appoġġ mill-produtturi tal-Unjoni għall-ilment jinsabu fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl mill-partijiet interessati.

## 2. Prodott li qed jiġi investigat

Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni jikkonsisti f'"polimeri superassorbenti", li ma jdubux fl-ilma, li jirriżultaw mill-polimerizzazzjoni ta' molekuli monomeriċi akriliċi ma' aġenti ta' retikolazzjoni biex jiffurmaw networks ta' polimeri retikolati, b'kapaċità kbira li jassorbu u jżommu l-ilma u likwidi milwiema, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ("il-prodott li qed jiġi investigat")

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jippreżentaw informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott iridu jagħmlu dan fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika ([3]).

## 3. Allegazzjoni ta' dumping

Il-prodott li allegatament qed ikun oġġett ta' dumping huwa l-prodott li qed jiġi investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Korea ("il-pajjiż ikkonċernat"), u li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 3906 90 90 (Kodiċijiet TARIC 3906 90 90 17). Il-kodiċi NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.

L-allegazzjoni ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea hija bbażata fuq tqabbil tal-prezz domestiku mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott investigat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping ikkalkulati huma sinifikanti għall-pajjiż ikkonċernat.

## 4. Allegazzjoni ta' dannu u kawżalità

L-ilmentatur ipprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu kumplessivament f'termini assoluti u f'termini ta' sehem mis-suq.

L-evidenza li pprovda l-ilmentatur turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott investigat importat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-livell tal-prezzijiet mitluba mill-industrija tal-Unjoni, bir-riżultat li kien hemm effetti negattivi sostanzjali fuq il-prestazzjoni ġenerali, u fuq is-sitwazzjoni finanzjarja u s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni.

## 5. Proċedura

Il-Kummissjoni, wara li stabbiliet u infurmat lill-Istati Membri, li l-ilment ġie ppreżentat mill-industrija tal-Unjoni jew f'isimha, u li hemm biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' proċediment, b'dan qed tibda investigazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) It-terminu ġenerali "dannu" jirreferi għal dannu materjali kif ukoll għat-theddida ta' dannu materjali jew għad-dewmien gravi biex tiġi stabbilita industrija, kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku.

([3]) Ir-referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika jirreferu għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-investigazzjoni se tiddetermina jekk il-prodott investigat, li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat huwiex oġġett ta' dumping, u jekk dawn l-importazzjonijiet ta' dumping ikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni.

Jekk il-konklużjonijiet ikunu fl-affermattiv, l-investigazzjoni se teżamina jekk l-impożizzjoni ta' miżuri tmurx kontra l-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2018 [4], (il-pakkett tal-Modernizzazzjoni tat-TDI), daħħal tibdiliet sinifikanti fl-iskeda ta' żmien u fl-iskadenzi li kienu applikabbli qabel fil-proċedimenti anti-dumping. Il-limiti ta' żmien biex il-partijiet interessati jippreżentaw ruħhom, b'mod partikolari fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet, tqassru.

Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-partijiet li wara t-tifqigħa tal-COVID-19 ġiet ippubblikata Notifika [5] dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji li tista' tkun applikabbli għal dan il-proċediment.

## 5.1. *Perjodu tal-investigazzjoni u perjodu kkunsidrat*

L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-perjodu tal-investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

## 5.2 *Kummenti dwar l-ilment u l-bidu tal-investigazzjoni*

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jikkummentaw dwar l-ilment (inklużi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dannu u mar-rabta ta' kawżalità) jew dwar kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-bidu tal-investigazzjoni (inkluż il-livell ta' sostenn għall-ilment) iridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Kwalunkwe talba għal seduta ta' smigħ fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

## 5.3. *Proċedura ta' kif jiġi stabbilit id-dumping*

Il-produtturi esportaturi [6] tal-prodott investigat mill-pajjiż ikkonċernat huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

### 5.3.1. *Investigazzjoni tal-produtturi esportaturi*

#### 5.3.1.1. Il-proċedura għall-għażla tal-produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati fir-Repubblika tal-Korea

(a) Kampjunar

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea li huma involuti f'dan il-proċediment, u sabiex tlesti l-investigazzjoni fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi esportaturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi fl-indirizz li ġej:

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

[5] Avviż dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

[6] Produttur esportatur huwa kull kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi u tesporta l-prodott li qed jiġi investigat lejn is-suq tal-Unjoni, jew direttament inkella permezz ta' parti terza, inkluża kull kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat.

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/52d341a5-57a8-b06e-7eaf-60d25569e1b2

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal TRON tinsab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.8 ta' hawn taħt.

Biex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi, il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi esportaturi.

Jekk ikun hemm bżonn ta' kampjun, il-produtturi esportaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi esportaturi magħrufa kollha, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi esportaturi se jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, jew jekk ikun xieraq, permezz tal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea, dwar liema huma l-kumpaniji magħżula biex ikunu fil-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi esportaturi, se tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk ġewx inklużi fil-kampjun. Il-produtturi esportaturi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se żżid nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2516.

Il-kwestjonarju se jkun disponibbli wkoll għal kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa tal-produtturi esportaturi, u għall-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi li jkunu qablu li jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun se jitqiesu li jkunu kkooperaw ("il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw"). Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5.3.1.1(b) hawn taħt, id-dazju anti-dumping li jista' jiġi applikat għall-importazzjonijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex inklużi fil-kampjun mhuwiex se jaqbeż il-marġni tal-medja ponderata ta' dumping stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun ([7]).

(b) Marġni ta' dumping individwali għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun

Skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-marġnijiet ta' dumping individwali tagħhom. Il-produtturi esportaturi li jixtiequ jagħmlu talba għal marġni ta' dumping individwali jridu jimlew il-kwestjonarju u jirritornawh mimli kif xieraq fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2516. Il-Kummissjoni se teżamina jekk il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun jistgħux jingħataw dazju individwali f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

Madankollu, il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw li jitolbu marġni ta' dumping individwali ta' min ikunu konxji li l-Kummissjoni xorta waħda tista' tiddeċiedi li ma tistabbilixxix il-marġni ta' dumping individwali tagħhom jekk, pereżempju, l-għadd ta' produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li kkooperaw tant ikun kbir li jkun wisq diffiċli biex dan jiġi stabbilit u minħabba f'hekk l-investigazzjoni ma tkunx tista' titlesta fil-ħin.

([7]) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, kwalunkwe marġni żero u *de minimis*, u l-marġnijiet stabbiliti f'konformità maċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku mhumiex se jitqiesu.

5.3.2. *Investigazzjoni ta' importaturi mhux relatati* ([8]) ([9])

L-importaturi mhux relatati tal-prodott li qed jiġi investigat mir-Repubblika tal-Korea lejn l-Unjoni, huma mistiedna jieħdu sehem f'din l-investigazzjoni.

Fid-dawl tal-għadd potenzjalment kbir ta' importaturi mhux relatati involuti f'dan il-proċediment, u sabiex l-investigazzjoni titlesta sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi mhux relatati li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, mitluba fl-Anness II ta' din in-Notifika fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja wkoll lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

Jekk kampjun ikun meħtieġ, l-importaturi jistgħu jintgħażlu abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott investigat fl-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar il-kampjun tal-importaturi. Il-Kummissjoni se żżid ukoll nota li tirrifletti l-għażla tal-kampjun fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati. Kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tlett ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li tkun meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tqiegħed kwestjonarji għad-dispożizzjoni tal-importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jippreżentaw il-kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-importaturi hija disponibbli fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2516.

### 5.4. ***Proċedura għall-istabbiliment tad-dannu u għall-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni***

Kalkolu tad-dannu huwa bbażat fuq evidenza pożittiva u jinvolvi l-eżami oġġettiv tal-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, tal-effett tagħhom fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u tal-impatt konsegwenti ta' dawn l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni. Sabiex jiġi stabbilit jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx xi dannu, il-produtturi tal-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat huma mistiedna jieħdu sehem fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

Fil-dawl tal-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni kkonċernati, u sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

---

([8]) Din it-taqsima tkopri biss l-importaturi li mhumiex relatati mal-produtturi esportaturi. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi esportaturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju għal dawn il-produtturi esportaturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-ishma maħruġa bi dritt tal-vot tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjugi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([9]) Id-data pprovduta minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni għajr biex jiġi stabbilit id-dumping.

Il-Kummissjoni għażlet kampjun proviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Id-dettalji jinsabu fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Barra minn hekk, produtturi oħra tal-Unjoni, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, li jqisu li hemm raġunijiet għaliex għandhom jiġu inklużi fil-kampjun, iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Il-kummenti kollha dwar il-kampjun proviżorju jridu jaslu fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se tinnotifika lill-produtturi u/jew lill-assoċjazzjonijiet ta' produtturi tal-Unjoni magħrufa kollha dwar il-kumpaniji li finalment ikunu ntgħażlu biex ikunu parti mill-kampjun.

Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun se jkollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja ta' dan il-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2516.

5.5. ***Proċedura għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni***

Jekk tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dumping u ta' dannu kkawżat minnu, se tittieħed deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk l-adozzjoni ta' miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interess tal-Unjoni. Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott li qed jiġi investigat.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta jew f'format ta' test liberu jew inkella billi jimtela kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni. Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott investigat, hija disponibbli fil-fajl għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2516. L-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 titqies biss jekk tkun appoġġata minn evidenza fattwali meta tiġi ppreżentata.

5.6. ***Partijiet interessati***

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati bħall-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur, l-ewwel iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott li qed jiġi investigat.

Il-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li ppreżentaw informazzjoni disponibbli b'konformità mal-proċeduri deskritti fit-Taqsimiet 5.3.1, 5.3.2 u 5.4 hawn fuq se jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott investigat.

Partijiet oħra jkunu jistgħu jipparteċipaw biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument meta jippreżentaw lilhom infushom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt investigazzjoni. Il-fatt li wieħed jitqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-konsultazzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna sabiex ikollok aċċess ([10]).

5.7. ***Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni***

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu seduta ta' smigħ mas-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni.

([10]) F'każ ta' problemi tekniċi kkuntattja lis-servizz ta' assistenza tad-DĠ Kummerċ (Trade Service Desk) permezz ta' email lil trade-service-desk@ec.europa.eu jew ċempel +32 22979797.

Kwalunkwe talba għal seduta ta' smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti waqt is-seduta ta' smigħ. Is-seduta ta' smigħ tkun limitata għall-kwistjonijiet stabbiliti minn qabel mill-partijiet interessati bil-miktub.

L-iskeda ta' żmien għas-seduti ta' smigħ hija kif ġejja:

— Għal kwalunkwe seduta ta' smigħ li ssir qabel ma tiskadi l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, jenħtieġ li t-talba ssir fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, u s-seduta ta' smigħ normalment issehh fi żmien 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

— Wara l-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji, jenħtieġ li ssir talba fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fi żmien 15-il jum mid-data tan-notifika tal-iżvelar jew mid-data tad-dokument ta' informazzjoni.

— Fl-istadju tal-konstatazzjonijiet definittivi, jenħtieġ li ssir talba fi żmien tlett ijiem mid-data tal-iżvelar finali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir fil-perjodu mogħti biex isiru kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li ssir talba minnufih malli jasal dan l-iżvelar finali addizzjonali, u s-seduta ta' smigħ normalment issir sal-iskadenza sabiex jiġu pprovduti kummenti dwar dan l-iżvelar.

L-iskeda ta' żmien deskritta hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-servizzi tal-Kummissjoni li jaċċettaw seduti ta' smigħ lil hinn mill-iskeda ta' żmien f'każijiet debitament ġustifikati u għad-dritt tal-Kummissjoni li tiċħad seduti ta' smigħ f'każijiet debitament ġustifikati. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jirrifjutaw talba għal seduta ta' smigħ, il-parti kkonċernata tiġi infurmata bir-raġunijiet għal tali rifjut.

Fil-prinċipju, is-seduti ta' smigħ ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem bl-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara seduta ta' smigħ.

### 5.8. *Struzzjonijiet biex isiru preżentazzjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji kompluti u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni b'informazzjoni u/jew b'*data* li jkunu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-dritt tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u *d-data* għall-iskop ta' dan il-proċediment ta' difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew *id-data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, fosthom l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala "Sensitive" (Sensittiv) ([11]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni mmarkata "Sensitive" huma mitlubin jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, filwaqt li jimmarkawha "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawn is-sommarji jenħtieġ li jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

Jekk il-parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tipprovdix sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni tkun korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi d-dokumenti ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni skennjati. Il-partijiet interessati, meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għall-preżentazzjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument il-"KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ" ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-posta elettronika li jipprovdu jkun indirizz tal-posta elettronika tax-xogħol uffiċjali li jaħdem u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, sakemm ma jitolbux

([11]) Dokument "Sensittiv" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

espliċitament li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u informazzjoni ulterjuri dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet permezz ta' TRON.tdi u bil-posta elettronika, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
E-mail:
TRADE-AD681-SAP-Dumping@ec.europa.eu
TRADE-AD681-SAP-Injury@ec.europa.eu

## 6. **Skeda tal-investigazzjoni**

Skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament bażiku, normalment l-investigazzjoni tiġi konkluża fi żmien 13-il xahar, u ma ddumx aktar minn 14-il xahar, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, normalment il-miżuri proviżorji jistgħu jiġu imposti mhux aktar tard minn seba' xhur mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, iżda fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn tmien xhur mill-pubblikazzjoni tagħha.

F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji erba' ġimgħat qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Il-partijiet interessati jingħataw tlett ijiem tax-xogħol biex jikkummentaw bil-miktub dwar kemm il-kalkoli huma preċiżi.

F'każijiet fejn il-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li ma timponix dazji proviżorji iżda li tkompli l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jiġu infurmati, permezz ta' dokument ta' informazzjoni, li mhux se jiġu imposti dazji erba' ġimgħat qabel ma tiskorri l-iskadenza, skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet interessati jingħataw 15-il jum biex jikkummentaw bil-miktub dwar il-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, u għaxart ijiem biex jikkummentaw bil-miktub dwar il-konstatazzjonijiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn ikun applikabbli, l-iżvelar finali addizzjonali jispeċifika l-iskadenza għall-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom bil-miktub.

## 7. **Preżentazzjoni tal-informazzjoni**

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fl-iskedi ta' żmien speċifikati fit-Taqsimiet 5 u 6 ta' din in-Notifika. Il-preżentazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni oħra mhux koperta minn dawn it-taqsimiet jenħtieġ li tirrispetta l-iskeda li ġejja:

— Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, kwalunkwe informazzjoni għall-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji jenħtieġ li tiġi ppreżentata fi żmien 70 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

— Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, jenħtieġ li l-partijiet interessati ma jippreżentawx informazzjoni fattwali ġdida wara l-iskadenza għal kummenti dwar l-iżvelar tal-kostatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni fl-istadju tal-konstatazzjonijiet proviżorji. Wara din l-iskadenza, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss informazzjoni fattwali ġdida jekk ikunu jistgħu juru li tali informazzjoni fattwali ġdida tkun meħtieġa biex jirribattu l-allegazzjonijiet fattwali magħmula minn partijiet interessati oħra u dment li tali informazzjoni fattwali ġdida tista' tiġi vverifikata fiż-żmien disponibbli biex l-investigazzjoni titlesta fil-ħin.

— Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi mandatorji, il-Kummissjoni mhix se taċċetta iktar preżentazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għall-kummenti dwar l-iżvelar finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għall-kummenti dwar l-iżvelar finali addizzjonali.

## 8. Possibbiltà ta' kummenti dwar il-preżentazzjonijiet ta' partijiet oħra

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà li jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet ta' partijiet interessati oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Tali kummenti jenħtieġ li jsiru skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

— Jenħtieġ li kwalunkwe kumment dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra qabel l-iskadenza tal-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, isir fi żmien 75 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

— Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar tal-konstatazzjonijiet proviżorji jew tad-dokument ta' informazzjoni, jiġu ppreżentati fi żmien sebat ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar il-konstatazzjonijiet proviżorji jew dwar id-dokument ta' informazzjoni, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

— Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għall-iżvelar finali jiġu ppreżentati fi żmien tlett ijiem mill-iskadenza għall-kummenti dwar l-iżvelar finali, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm żvelar finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal dan l-iżvelar isiru fi żmien jum mill-iskadenza għal kummenti dwar dan l-iżvelar, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien indikata hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet debitament ġustifikati.

## 9. Estensjoni għal limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika

Kwalunkwe estensjoni għal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika jenħtieġ li jiġu rikjesti biss f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, u jingħataw biss jekk ikunu debitament ġustifikati meta tingħata ġustifikazzjoni tajba.

Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni għall-iskadenza tat-tweġiba għall-kwestjonarji se tkun limitata għal tlett ijiem u bħala regola ma taqbiżx is-sebat ijiem.

Fir-rigward tal-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' Bidu, l-estensjonijiet ikunu limitati għal tlett ijiem sakemm ma jintweriex li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali.

## 10. Nonkoperazzjoni

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdix l-informazzjoni meħtieġa fil-limitu tal-iskadenzi, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, il-konstatazzjonijiet proviżorji jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal din il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas ta' tweġiba kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew fi spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja immedjatament lill-Kummissjoni.

## 11. Uffiċjal tas-Seduta

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti tal-kummerċ. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li jistgħu jfeġġu matul il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati kompletament. Jenħtieġ li talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun, wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-iskedi ta' żmien stabbiliti fit-taqsima 5.7 sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati barra mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal iktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

## 12. **Ipproċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

Notifika dwar il-protezzjoni *tad-data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar *tad-data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni hija disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/.

---

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| ☐ | Verżjoni "Sensitive" |
| ☐ | Verżjoni "For inspection by interested parties" |

(immarka l-kaxxa rilevanti)

**PROĊEDIMENT ANTI-DUMPING LI JIKKONĊERNA L-IMPORTAZZJONIJIET TA' POLIMERI SUPERASSORBENTI LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-KOREA**

INFORMAZZJONI DWAR L-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għat-talba għal informazzjoni marbuta mal-kampjunar li saret fil-punt 5.3.2. tan-notifika ta' bidu.

Kemm il-verżjoni "Sensitive" kif ukoll il-verżjoni "For inspection by interested parties" jridu jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

## 1. DETTALJI TA' IDENTITÀ U TA' KUNTATT

Agħti d-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

| | |
|---|---|
| Isem il-kumpanija | |
| Indirizz | |
| Persuna ta' kuntatt | |
| L-indirizz tal-posta elettronika | |
| Telefown | |

## 2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika l-fatturat totali tal-kumpanija f'euro (EUR), u l-valur f'euro (EUR) u l-volum f'tunnellati tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-Repubblika tal-Korea, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, tal-prodott li qed jiġi investigat, kif definit fin-notifika ta' bidu.

| | Volum f'tunnellati | Valur f'euro (EUR) |
|---|---|---|
| Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR) | | |
| Importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat u li joriġina mir-Repubblika tal-Korea | | |
| Importazzjonijiet tal-prodott investigat fl-Unjoni (minn kullimkien) | | |
| Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni tal-prodott investigat mir-Repubblika tal-Korea | | |

## 3. ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI [1]

Agħti dettalji tal-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u/jew fis-suq domestiku) tal-prodott li qed jiġi investigat. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott investigat jew il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott investigat, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

| Isem u lokalità tal-kumpanija | Attivitajiet | Relazzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |

## 4. INFORMAZZJONI OĦRA

Agħti kull informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

## 5. ĊERTIFIKAZZJONI

Meta tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tiġi inkluża fil-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u taċċetta li ssirilha żjara fil-post sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-possibbiltà li tiġi inkluża fil-kampjun, din titqies li ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx jiġu bbażati fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal din il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

---

[1] F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-ishma maħruġa bid-dritt tal-vot tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Il-persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: (i) konjugi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10178 — Eni/Aldro EyS/Instalaciones MD)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 58/17)

1. Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Eni gas e luce S.p.A. ("Eni G&L", l-Italja), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Eni S.p.A. ("Eni", l-Italja)

— Aldro Energia y Soluciones, S.L.U. ("Aldro EyS", Spanja) u Instalaciones Martinez Diez, S.L.U. ("Instalaciones MD", Spanja), it-tnejn sussidjarji u proprjetà kollha kemm huma ta' Aldro Energy, S.L.U. ("Aldro Energy", Spanja).

Eni takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Aldro EyS u Instalaciones kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Eni: grupp dinji li jaħdem fiż-żejt u l-gass, attiv fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, l-irfinar u l-operazzjonijiet tal-bejgħ, l-elettriċità u l-kimika, Eni G & L, li hija sussidjarja u proprjetà kollha kemm hi tagħha, hija attiva fil-provvista tal-elettriċità u tal-gass naturali, kif ukoll fis-soluzzjonijiet tal-enerġija madwar l-UE.

— Aldro EyS: il-provvista tal-elettriċità u l-gass naturali fi Spanja u l-Portugall.

— Instalaciones MD: tipprovdi servizzi ta' back office u għall-konsumaturi lil Aldro EYS.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10178 — Eni/Aldro EyS/Instalaciones MD

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt.

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' dokument uniku kif imsemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid**

(2021/C 58/18)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"Willamette Valley"**

**PGI-US-02439**

**Data tal-applikazzjoni: 17.10.2018**

1. **Isem għar-reġistrazzjoni**

   Willamette Valley

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   IĠP

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

   1. Inbid

   5. Inbid frizzanti ta' kwalità

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

   L-indikazzjoni ġeografika protetta "Willamette Valley" hija riżervata għal inbejjed bla gass (ħomor, rożè u bojod); u nbejjed frizzanti ta' kwalità.

   L-inbejjed Willamette Valley huma karatterizzati u identifikati skont it-tip ta' varjetà tal-għeneb. L-inbejjed ħomor Willamette Valley, l-aktar Pinot noir, u l-inbejjed bojod Willamette Valley, l-aktar Chardonnay, Pinot gris u Riesling, b'taħlitiet frizzanti ta' Pinot noir/Chardonnay, jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-produzzjoni fil-Wied ta' Willamette.

   Bħala nbejjed tal-klima friska u b'palat medju li ġeneralment ikollhom aċidità qawwija u togħma ta' frott misjur frisk u qawwi u tannini minerali, l-inbejjed Willamette Valley juru l-karatteristiċi li ġejjin skont il-varjetà:

   *Inbejjed Bla Gass*

   Inbejjed Ħomor:

   L-inbejjed ħomor Willamette Valley huma brillanti, b'kulur moderat minn aħmar sa granata, li xi kultant iqarreb lejn il-vjola skur sa iswed skont is-sit u l-vendemmja; huma joffru aroma kif ukoll togħma ta' frott aħmar u iswed frisk pjuttost milli msajjar, minn rummien, frawli, lampun u ċirasa sa tut u għanbaqar; barra minn hekk, l-aroma toffri aspetti ta' fjuri ħomor u vjola, ta' ħamrija, minn ħumus sa weraq tat-te, noti ta' jodju u ta' ħadid ferriku, ħwawar tal-ħami tas-sassafrass, kola, minerali u, aktar ma jimmaturaw, karattri aktar kumplessi ta' perżut, faqqiegħ, ġilda u ħwawar magħmulin mill-ħxejjex. It-togħmiet u l-konsistenza fil-ħalq huma aktar kumplessi u fihom saffi ta' tannini ta' partikoli fini tal-weraq tat-te u tat-tabakk taċ-ċirasa u palat medju bellusi u sħiħ li jagħti struttura u rikkezza eleganti, li

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

jirriflettu, l-istess bħall-irwejjaħ, kemm l-elementi tal-frott kif ukoll dawk tal-ikel mielaħ skur; l-istruttura tal-palat tista' turi firxa ta' tannini, minn weraq tat-te għal injam, b'aċidità qawwija li tiffriska l-palat u żżomm togħmiet assertivi għal tul ta' ħin konsiderevoli, filwaqt li tikkontribwixxi tensjoni sabiex tipproteġi u tipprovdi valur skont l-età.

Inbejjed rożè:

L-inbejjed rożè Willamette Valley ivarjaw fil-kulur minn griż fir-roża ċar ħafna għal granata pallida, kollha vivaċi u sbieħ, li jġorru aromi ta' fjuri bojod sa ħomor (ġiżimin sa ward) u ta' frott frisk minn larinġ tad-demm għal frawli u lampun selvaġġi, kemm fir-riħa kif ukoll fil-palat; it-togħmiet tal-palat jistgħu jkunu melħin u minerali wkoll, b'palat kremuż u xi kultant jibqa' jippersisti ħjiel ta' zokkor residwu. L-aċidità vivaċi karatteristika tal-inbejjed rożè Willamette Valley tipprovdi l-kapaċità ta' maturità fil-flixkun għal xi snin.

Inbejjed bojod:

L-inbejjed bojod Willamette Valley huma brillanti b'mod uniformi, aċidużi ħafna, b'kulur minn platinu sa lewn il-lumi ċar u, fil-każ ta' inbejjed bojod minn ħsad tardiv jew li jinżammu fil-btieti tal-ballut, minn lewn il-krema sa dehbieni. Fihom l-istess luminożità tal-frott bħall-Pinot noir, jew saħansitra, aktar qawwija, iżda jirriflettu firxa ta' aromi ta' tipi differenti ta' frott abjad minn frott taċ-ċitru, frott tal-għadma (ħawħ, lanġas, eċċ.) u elementi ta' fjuri bojod u fjuri tal-ġonna; kollha għandhom mineralità u salinità qawwija (mill-pH, l-aċidità u frott ta' kulur qawwi u nieqes miz-zokkor) fuq il-palat, b'qalba ta' togħmiet friski tal-frott pur xprunati minn aċidità għolja, li jipprovdu ħajja promettenti u twila. Maż-żmien, l-inbejjed jipprovdu ħjiel ta' fjuri mnixxfa, noti ta' ċitru tal-marmellata u elementi ta' għasel u noti minerali żviluppati.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | 16 % |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | 7 % |
| Aċidità totali minima | 4 g/l tartariku<br>pH=4 massimi |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | 23,31 mEq/l (inbejjed ħomor)<br>19,98 mEq/l (inbejjed bojod u rożè) |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | 150 mg/l<br>40 mg/l Diossidu tal-kubrit mhux marbut |

*Inbejjed Frizzanti ta' Kwalità*

L-inbejjed frizzanti ta' kwalità Willamette Valley jiġu prodotti bħala nbejjed bojod u rożè, magħmulin minn Pinot noir, Chardonnay, u f'xi każijiet jinkludu Pinot meunier. Huma jkollhom ragħwa fina għal medja, finezza, ħjut perlati ta' bżieżaq, u togħmiet espressivi, nodfa, xi ftit aċidużi ta' frott tal-għadma kemm kemm misjur u ta' ċitru ta' kwalità. L-inbejjed frizzanti bojod ta' kwalità huma lewn il-platinu u jleqqu, b'aromi tat-tuffieħ jew tal-lanġas u b'togħmiet ukoll ta' xkomp, frott tal-għadma jew minerali. L-inbejjed rożè juru noti friski ta' frawli salvaġġ, aċidità għolja, u diversi saffi ta' togħmiet qawwija ta' frott aħmar (tuffieħ/għanbaqar). Huwa normali li l-inbid jitħalla fil-flixkun għal aktar minn għaxar snin. Il-kulur tal-inbejjed rożè jvarja minn aħmar lewn iċ-ċirasa jleqq sa "ħjiel" ta' kuluri roża. F'dak li jirrigwarda l-aroma, ir-rożè joffru rwejjaħ ta' petali tal-ward roża sa tuffieħ tal-qoxra ħamra sa frawli lewn l-għanbaqar ċar skont it-taħlita u l-maturità tal-frott fil-mument tal-ħsad. Komponent karatteristiku ta' "ħwawar" mhuwiex rari wkoll. Deskrizzjonijiet tipiċi tal-aroma u tat-togħma jistgħu jinkludu frawli selvaġġ u frott artab ieħor tas-sajf, ċitru bħal larinġ tad-demm/mandolin, tuffieħ/tuffieħ selvaġġ, ħwawar bħal ħxejjex imnixxfin u ġinġer. Aċidità għolja iżda bbilanċjata tippermetti li l-inbid iżomm għal aktar minn għaxar snin fil-flixkun.

L-aromatiċi tal-inbejjed frizzanti Brut magħmulin b'Chardonnay, Pinot noir, u Pinot meunier jistgħu jvarjaw minn fjuri bojod sa qoxra tal-gajdri tax-xtut tal-oċean sa tuffieħ/lanġas u grejpfrut abjad. It-togħmiet ivarjaw skont il-perċentwali tal-varjetà tal-għeneb użat u l-post fejn jitkabbar il-frott. Il-fjuri jvarjaw minn abjad delikat għal roża, ħwawar minn vanilla sa ġinġer sa ħxejjex aromatiċi mnixxfa, frott inkluż tuffieħ tal-qoxra ħadra, safra jew ħamra, tuffieħ selvaġġ, frott irqiq qares, u lanġas simili għall-Anjou, grejpfrut abjad, starfruit, u mandolin huwa possibbli. L-aċidità hija qawwija u vibranti, filwaqt li l-espressjoni ta' frott misjur tista' tippersisti għal tul ta' ħin.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | 14 % |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | 7 % |
| Aċidità totali minima | 5 g/l tartariku<br>pH=4 massimi |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | <=23,31 mEq/L |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | 150 mg/l<br>30 mg/l Diossidu tal-kubrit mhux marbut |

## 5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

a. *Prattiki enoloġiċi essenzjali*

xejn

b. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

Pinot noir u nbejjed Ħomor oħra: 7 850 kg/ha (45 hl/ha);

Chardonnay: 10 100 kg/ha (60 hl/ha);

Bojod oħrajn: 12 330 kg/ha (70 hl/ha);

Inbejjed frizzanti ta' kwalità: 15 700 kg/ha (90 hl/ha).

## 6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Il-Wied ta' Willamette bħala Żona Vitikulturali Amerikana huwa deskritt speċifikament kif approvat u rreġistrat fir-regolamenti tal-Uffiċċju tat-Taxxa u l-Kummerċ tal-Istati Uniti, b'dan is-sommarju:

§9.90 Wied ta' Willamette.

Fruntieri. Iż-żona vitikulturali tal-Wied ta' Willamette tinsab fil-Majjistral tal-Oregon u fit-Tramuntana tmiss max-Xmara Columbia, fil-Punent mal-muntanji tal-Coast Range, fin-Nofsinhar mal-muntanji Calapooya, u fil-Lvant mal-muntanji Cascade, u tkopri madwar 5200 mil kwadru (3,3 miljun acre).

Il-fruntieri eżatti taż-żona vitikulturali, ibbażati fuq postijiet magħrufa u punti ta' referenza li jinsabu fuq il-mapep approvati, huma kif ġej: Mill-punt tal-bidu fl-intersezzjoni tal-linja bejn il-Kontej ta' Columbia u ta' Multnomah u l-linja bejn l-Istati ta' Oregon u Washington;

Lejn il-Punent tul il-linja bejn il-Kontej ta' Columbia u ta' Multnomah għal 8,5 mili mill-intersezzjoni tagħha mal-linja bejn il-Kontej ta' Washington u ta' Multnomah;

Lejn in-Nofsinhar tul il-linja tal-Kontea ta' Washington għal 5 mili mill-intersezzjoni tagħha mal-linja tal-kontorn ta' 1000 pied;

Lejn il-Majjistral (15-il mil lejn il-Majjistral) tul il-linja tal-kontorn ta' 1000 pied mill-intersezzjoni tagħha mal-Awtostrada Statali 47, 0,5 mili fit-Tramuntana ta' "Tophill";

Imbagħad, lejn il-Punent mill-Awtostrada Statali 47 għal kwart ta' mil mil-linja tal-kontorn ta' 1000 pied, tkompli lejn in-Nofsinhar u mbagħad lejn il-Lbiċ tul il-linja tal-kontorn ta' 1000 pied mill-intersezzjoni tagħha mal-Foresta Nazzjonali ta' Siuslaw (punt madwar 43 mil fin-Nofsinhar u 26 mil fil-Punent ta' "Tophill"), għal mil fit-Tramuntana tal-Awtostrada Statali 22;

Lejn in-Nofsinhar għal 6,5 mili sal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied fuq il-linja tal-Kontej ta’ Lincoln u ta’ Polk;

Tkompli tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied (għal madwar 23 mil) lejn il-Lvant, in-Nofsinhar, u mbagħad lejn il-Punent, sa punt fejn il-linja tal-Kontea ta’ Polk tiltaqa’ mal-linja ta’ bejn il-Kontej ta’ Lincoln u ta’ Benton;

Lejn in-Nofsinhar tul il-linja tal-Kontej ta’ Lincoln u ta’ Benton, għal 11-il mil mill-intersezzjoni tagħha mal-linja tal-Foresta Nazzjonali ta’ Siuslaw;

Lejn il-Lvant għal sitt mili tul il-linja tal-Foresta Nazzjonali ta’ Siuslaw u mbagħad lejn in-Nofsinhar tul il-linja tal-Foresta Nazzjonali ta’ Siuslaw għal sitt mili mill-Awtostrada Statati 34 u l-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied;

Lejn in-Nofsinhar tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied sal-intersezzjoni tagħha mal-linja tat-Township T17S/T18S (31 mil fix-Xlokk, u mil fil-Punent tal-Awtostrada Statali 126);

Lejn il-Lvant tul T17S/T18S 4,5 mili mil-linja tar-Range R6W/R7W, lejn in-Nofsinhar tul din il-linja tar-range għal 2,5 mili mil-linja ta’ kontorn ta’ 1000 pied;

Lejn il-Grigal, imbagħad lejn ix-Xlokk tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied għal madwar 12-il mil mill-intersezzjoni tagħha mal-linja tar-range R5W/R6W;

Lejn in-Nofsinhar tul il-linja tar-range R5W/R6W għal madwar 0,25 mil mill-intersezzjoni mal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied;

Ġeneralment lejn ix-Xlokk tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied li sserrep u li taqsam fuq il-mappa ta’ Letz Creek, sa punt fuq il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied li jinsab fit-Tramuntana tal-intersezzjoni ta’ Siuslaw River Road u Fire Road;

Lejn in-Nofsinhar f’linja dritta għal madwar 0,55 mili, taqsam minn fuq ix-Xmara Siuslaw u l-intersezzjoni ta’ Siuslaw River Road u Fire Road, sal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied;

Ġeneralment lejn ix-Xlokk tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied, taqsam fuq il-mappa ta’ Roseburg, Oregon, sal-intersezzjoni tal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied mal-linja tal-Kontej ta’ Lane u Douglas;

Lejn il-Lvant tul il-linja tal-Kontej ta’ Lane u Douglas għal madwar 3,8 mili sal-intersezzjoni mal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied eżatt fil-Lvant tas-South Fork tax-Xmara Siuslaw;

Ġeneralment lejn it-Tramuntana, imbagħad lejn il-Grigal tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied madwar Spencer Butte, u mbagħad ġeneralment lejn in-Nofsinhar sa punt tul il-linja tal-Kontej ta’ Lane u Douglas 0,5 mili fit-Tramuntana tal-Awtostrada Statali 99;

Lejn in-Nofsinhar tul il-linja tal-Kontej ta’ Lane u Douglas għal 1,25 mil mil-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied;

Tkompli ssegwi l-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied madwar il-widien ta’ Little River, Mosby Creek, Sharps Creek sal-intersezzjoni ta’ R1W/R1E u l-Awtostrada Statali 58;

Lejn it-Tramuntana tul R1W/R1E għal sitt mili, sakemm taqsam il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied eżatt fit-Tramuntana ta’ Little Fall Creek;

Tkompli tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied madwar Hills Creek, titla’ x-xaqliba tan-Nofsinhar ta’ McKenzie River Valley sa Ben u Kay Dorris State Park, u taqsam fuq u tinżel ix-xaqliba tat-Tramuntana madwar Camp Creek, ix-Xmara Mohawk u t-tributarji tagħha, ix-Xmara Calapooia (tliet mili fix-Xlokk tal-belt ta’ Dollar) sa punt fejn Wiley Creek taqsam ir-R1E/R1W madwar mil fin-Nofsinhar ta’ T14S/T13S;

Lejn it-Tramuntana tul R1E/R1W għal 7,5 mili sa T12S/T13S f’Cedar Creek;

Lejn il-Punent tul T12S/T13S għal erba’ mili sal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied;

Tkompli fid-direzzjoni ġenerali tat-Tramuntana tul il-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied madwar Crabtree Creek, Thomas Creek, ix-Xmara North Santiam (sal-intersezzjoni tagħha ma’ Sevenmile Creek), u x-Xmara Little North Santiam sal-intersezzjoni tal-linja tal-kontorn ta’ 1000 pied mal-R1E/R2E (madwar mil mit-Tramuntana tal-Awtostrada Statali 22);

Lejn it-Tramuntana tul R1E/R2E (minn ġo porzjon żgħir ta’ Silver Falls State Park) 14-il mil minn T6S/T7S;

Lejn il-Lvant tul T6S/T7S għal sitt mili minn R2E/R3E;

Lejn it-Tramuntana tul R2E/R3E għal sitt mili minn T5S/T6S;

Lejn il-Grigal għal 8,5 mili mill-intersezzjoni ta’ T4S/T5S u R4E/R3E;

Lejn il-Lvant tul T4S/T5S għal sitt mili minn R4E/R5E;

Lejn it-Tramuntana tul R4E/R5E għal sitt mili minn T3S/T4S;

Lejn il-Lvant tul T3S/T4S għal sitt mili minn R5E/R6E;

Lejn it-Tramuntana tul R5E/R6E għal 10,5 mili minn punt fejn taqsam il-fruntiera tal-Foresta Nazzjonali ta' Mount Hood (madwar tliet mili mit-Tramuntana tal-Awtostrada tal-Istati Uniti 26);

Lejn il-Punent għal erba' mili u lejn it-Tramuntana għal mil tul il-fruntiera tal-foresta sal-linja tal-kontorn ta' 1000 pied (eżatt fit-Tramuntana tax-Xmara Bull Run);

Lejn it-Tramuntana tul il-linja tal-kontorn ta' 1000 pied, fil-Kontea ta' Multnomah, sal-intersezzjoni tagħha ma' R4E/R5E;

Lejn it-Tramuntana għal madwar tliet mili mil-linja tal-Istati ta' Oregon u Washington; u

Lejn il-Punent u mbagħad lejn it-Tramuntana, għal 34 mil tul il-linja tal-Istati ta' Oregon u ta' Washington sal-punt tal-bidu.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid/jinkisbu l-inbejjed**

L-inbejjed bla gass u l-inbejjed frizzanti ta' kwalità Willamette Valley jużaw l-għeneb tal-inbid li ġej: Pinot noir, Pinot gris, Chardonnay, Riesling, Pinot blanc, Syrah, Cabernet sauvignon, Gamay noir, Pinot meunier.

Għeneb ieħor tal-inbid jintuża f'ammonti iżgħar: Arneis, Albarino, Auxerrois, Cabernet Franc, Chenin blanc, Dolcetto, Gewurztraminer, Gruner veltliner, Merlot, Muller-Thurgau, Sangiovese, Sauvignon blanc, Tempranillo, Viognier, Zinfandel.

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Bħal fi kwalunkwe tentattiv ta' suċċess li jikseb reputazzjoni stmata sew, ir-rabta ma' kwalità għolja hija waħda kumplessa, mhux sempliċi: għalkemm il-fatturi naturali assoċjati mal-pożizzjoni tal-Wied ta' Willamette x'aktarx li huma l-aktar importanti, bl-effetti klimatiċi, ġeoloġiċi, ġeografiċi u ta' vendemmja li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kwalità finali tal-inbid, ma jistax jonqos li jingħata kreditu wkoll għal dawk il-fatturi umani li jissistematizzaw u li jagħmlu konsistenti t-tkabbir tal-għeneb, il-produzzjoni tal-inbid, u l-proċessi ta' kummerċjalizzazzjoni, il-ħolqien ta' affidabbiltà, il-kontroll u r-reputazzjoni tal-inbejjed tar-reġjun.

Ħamrija u l-Ġeoloġija: Fil-Wied ta' Willamette, l-inbejjed ta' kwalità għolja tipiċi tal-post huma magħmulin minn għeneb tal-klima friska speċifikat hawn fuq, imkabbar f'vinji li jinsabu kważi esklużivament fuq għoljiet jew ta' ħamrija vulkanika u/jew sedimentarja mbuttata 'l fuq mill-qiegħ tal-wied permezz ta' azzjoni tettonika, f'għoli ta' bejn 61 u 305 metri (200 u 1000 pied), bil-loess (trab minfuħ mir-riħ) fuq il-qċaċet ta' ċerti għoljiet. Il-ħamrija tal-għoljiet tipprovdi fond adegwat għall-għeruq u żżomm ilma biżżejjed, tipprovdi nutrijenti lid-dwieli mingħajr ma tkun rikka wisq (u b'hekk tħeġġeġ tkabbir faċli u ħadrani minflok prijoritajiet meħtieġa ta' frott prodott taħt stress) u drenaġġ tajjeb tal-ħamrija u tal-arja b'ħamrija li titfarrak u hija inqas suxxettibbli għal ġlata u pressjonijiet minn mard (pereżempju moffa). Il-ħamrija tal-għoljiet hija ta' tliet tipi (trab ħafif vulkaniku, sedimentarju u glaċjali) u tittrażmetti lid-dwieli u l-inbejjed li jirriżultaw minnhom aromi, togħmiet, mineralità, u karatteristiċi tat-tkabbir uniċi u prevedibbli; pereżempju, bil-Pinot noir, il-ħamrija vulkanika tipproġetta aroma u togħma ta' frott ta' lewn aħmar qawwi frisk (lampun sa ċirasa bing sa ċirasa sewda) bi struttura ta' tannini fina moderata, sottili u b'kulur moderat; ħamrija sedimentarja tipproġetta kulur aktar skur, aromi u togħmiet ta' frott aħmar fl-iswed, (ċirasa sewda sa tut sa ribes jew huckleberry) bi ħjiliet ta' faqqiegħ, ħwawar tal-ħami, kafè, u ġamm iswed, b'tannini moderati għal għolja; il-ħamrija tat-trab minfuħ mir-riħ tittrażmetti kulur aktar ċar (minn frawli sa lampun sa ċirasa) u inqas struttura, b'livell baxx ta' tannini u freskezza. Kollha fihom aċidu moderat għal għoli u jistgħu jitħallew jimmaturaw.

Ġeografija: Il-karatteristiċi organolettiċi meqjusa bħala uniċi għall-Wied ta' Willamette, b'mod speċjali bil-Pinot noir, jinkludu l-aspetti tal-luminożità u tal-frott frisk, bl-aċidità pprovduta mill-klima friska protetta; karattri differenti ta' frott aħmar għal suwed u livelli differenti ta' fenoli strutturali jew tannini assoċjati mat-tipi ta' ħamrija, l-elevazzjonijiet u l-ġeografija; u firxa wiesgħa ta' marki individwali stilistiċi minn opinjonijiet differenti tal-produtturi tal-inbid dwar il-personalità ta' Pinot noir.

Il-klima friska moderata minn korpi kbar tal-ilma bħall-Oċean Paċifiku tippermetti li t-temperatura tal-ġurnata tvarja minn jiem sħan għal iljieli friski ħafna, bil-fluss mill-oċean fuq l-art ikessaħ il-Wied ta' Willamette bi 30 sa 40F (16,5–22 C) bil-lejl. Dan jaffettwa r-respirazzjoni tal-pjanti, jippermetti t-tkessiħ tal-pjanti, u jippreserva l-aċidità li hija karatteristika tal-inbejjed Willamette Valley.

Il-gradjent ipprovdut minn żieda ta' 244 metru (800 pied) fl-elevazzjoni joħloq ukoll kundizzjonijiet varji ta' maturazzjoni għal ħtiġijiet ta' varjetajiet differenti ta' għeneb kif ukoll versatilità addizzjonali bl-adattament għat-tibdil fil-klima, b'siti iktar sħan iktar fil-baxx u siti iktar kesħin f'elevazzjonijiet ogħla, u b'hekk jipproġettaw karattri ta' nbejjed aktar misjurin u rotob fil-baxx, u inbejjed ta' frott frisk aktar brillanti u aċidità ogħla, aktar 'il fuq. Id-direzzjoni

tas-siti tkompli tipprovdi aktar irfinar; dawn jiffaċċjaw in-Nofsinhar jew il-Lvant jew il-Punent fuq dawn l-għoljiet biex jilqgħu x-xemx, benefiċċju reali fl-istorja bikrija u kiesħa tar-reġjun, minħabba li l-vinji kienu jfittxu l-maturazzjoni perfetta bl-iffaċċjar lejn in-Nofsinhar.

Daqs kemm huma importanti l-pożizzjonijiet tal-uċuħ tal-għoljiet għall-maturazzjoni, l-ilma, it-togħmiet u l-aċidità, il-karatteristika kritika tal-inbejjed Willamette Valley ġejja mill-forma ta' skutella tal-wied, li tikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet klimatiċi ġenerali friski ta' dan il-wied protett mill-ktajjen tal-muntanji Cascade u tal-Coast Range fil-Lvant u l-Punent rispettivament, li jipprevjenu temp sħun, niexef, kontinentali u temp frisk u xita, rispettivament, milli jfixklu l-istaġun tat-tkabbir. L-għeneb jimmatura għalkollox f'dan ir-reġjun protett ta' klima friska ġenwina, filwaqt li jżomm l-aċidità mill-istaġuni tat-tkabbir u tal-maturazzjoni friski. L-inbejjed ta' kwalità għolja fini, vivaċi u ta' integrità strutturali jeħtieġu din l-aċidità biex jagħmlu l-inbejjed Willamette Valley inbejjed għax-xorb eċċellenti, fuq perjodu ta' żmien qasir sa medju, iżda wkoll b'potenzjal ta' maturazzjoni fit-tul.

L-Influwenzi Ġeografiċi Ġenerali għall-inbejjed frizzanti u bla gass ta' kwalità għolja: Il-Wied ta' Willamette jinsab fuq il-45 parallel fit-Tramuntana. F'din il-latitudni, il-bidliet fl-elevazzjoni jinfluwenzaw b'mod notevoli l-flora u l-fawna taż-żona. Anki bidliet fl-elevazzjoni tal-vinji ta' 60 metru biss jistgħu jdewmu l-maturazzjoni b'10 ijiem sa 14-il jum. Il-fjoritura tad-dwieli sseħħ bħala medja fit-tielet ġimgħa ta' Ġunju (Solstizju tas-sajf) u spiss seħħet f'Lulju (erba' ġimgħat wara s-Solstizju). Din il-latitudni u l-prossimità għall-Oċean Paċifiku kiesaħ iġibu l-varjabilità fit-temp tal-istaġun tat-tkabbir, inkluż fit-temp tal-ħsad. Fil-fatt, il-Wied ta' Willamette huwa l-uniku fost ir-reġjuni tal-vitikultura tal-kosta tal-Punent tal-Istati Uniti fejn it-temp huwa varjabbli. Barra minn hekk, it-tul tal-ġurnata u l-bidliet ta' kuljum huma severi biżżejjed biex joħolqu rispons fiżjoloġiku kkawżat mill-ħin ta' esponiment għad-dawl mill-pjanti li jwaqqgħu l-weraq, inklużi d-dwieli. It-total ta' sħana u l-ħin ta' dawl tal-Wied ta' Willamette joħolqu restrizzjonijiet fuq iż-żoni fejn tista' sseħħ maturazzjoni konsistenti. Pereżempju, ftit vinji jistgħu jirnexxu 'l fuq minn 240 metru, jew jekk ikunu jinsabu fejn il-medja annwali ta' xita taqbeż l-1300 mm, jew jekk ikunu jħarsu lejn it-Tramuntana. Barra minn hekk, vinji ta' kwalità konsistenti jinsabu fuq għoljiet li jħarsu f'direzzjonijiet li jinkoraġġixxu d-dawl tax-xemx jaqa' fuq il-weraq tad-dielja u jsaħħan il-ħamrija fir-rebbiegħa. Dan huwa reġjun tal-inbid fejn il-varjetajiet tal-klima sħuna bħal Cabernet sauvignon ma jimmaturawx b'mod konsistenti. U, fil-fatt, hija waħda mill-ftit reġjuni tal-vitikultura ta' klima friska li ġiet imħawla fuq il-ġnub tal-għoljiet l-ewwel u MHUX imħawla fil-qiegħ kiesaħ tal-wied.

Fatturi Umani u Għażliet Stilistiċi: Il-Wied ta' Willamette jinsab fl-aktar naħa ta' fuq possibbli biex wieħed ikun jista' konsistentement jimmatura l-varjetajiet tal-klima friska importanti għall-inbejjed bla gass jew frizzanti ta' kwalità għolja (eż. Pinot noir, Pinot meunier, u Chardonnay). Hija din l-ispeċifiċità tal-post li tippreżenta karatteristiċi eċċitanti u uniċi għall-inbejjed bla gass u frizzanti ta' kwalità għolja, b'għażliet ewlenin għas-sengħa stilistika tal-produtturi tal-inbid. B'data ta' fjoritura medja fis-solstizju tas-sajf, l-għeneb tal-inbid frizzanti ta' kwalità għandu t-tendenza li jimmatura bejn nofs u l-aħħar ta' Settembru u l-għeneb tal-inbejjed bla gass jimmatura bejn l-aħħar ta' Settembru u nofs Ottubru. Il-pożizzjonijiet tal-uċuħ tal-għoljiet jippermettu l-qlib ta' temperaturi sħan fil-bidu ta' filgħaxija u jippermettu lid-dwieli jieħdu n-nifs qabel it-temperaturi friski ta' tard bil-lejl u ta' kmieni filgħodu tas-sajf. Minbarra d-differenzi makro fil-pożizzjonijiet bejn il-vinji, il-pożizzjonijiet tal-uċuħ tal-għoljiet jippermettu wkoll lill-produttur tal-inbid li jaħsad f'diversi direzzjonijiet u elevazzjonijiet biex ikompli jtejjeb id-diversità fl-espressjonijiet tat-togħma tal-frott, u biex jaġġusta l-karatteristiċi ta' kull staġun uniku tat-tkabbir.

F'din l-estremità tat-Tramuntana, il-varjazzjonijiet fit-togħma jistgħu jseħħu minħabba bidliet żgħar fil-vinja kkawżati minn kloni, l-għeruq, l-ispazjar, il-pożizzjoni, l-elevazzjoni, u anke x-xogħol tal-bidwi stess. Id-differenzi minn blokka ta' vinji għal blokka ta' vinji ġara jistgħu jwasslu għal varjetà stilistika fl-inbejjed frizzanti ta' kwalità għolja u fl-inbejjed bla gass.

Għall-inbid frizzanti ta' kwalità għolja, l-għeneb tal-inbid fil-Wied ta' Willamette jimmatura b'togħmiet tal-frott misjur kumplessi mingħajr ma jitlef l-aċidità naturali għolja. Il-frott jista' jinħasad fl-aqwa tal-maturazzjoni tiegħu aktar ma wieħed jitla' 'l fuq. Meta d-dwieli jitkabbru sa ma kważi jilħqu maturità konsistenti, jiġu prodotti togħmiet tal-frott kumplessi u bnini. L-inbejjed frizzanti minn Pinot noir u Chardonnay ilhom isiru fil-Wied ta' Willamette sa mill-bidu tas-snin tmenin. Illum hemm aktar minn 100 produttur tal-inbejjed frizzanti bil-metodu tradizzjonali u l-produzzjoni għadha qed tikber kemm fl-għadd ta' produtturi kif ukoll fil-volum.

Togħmiet ta' frott misjur, aċidità naturali għolja, u għeneb tal-inbid b'alkoħol baxx maqtugħ f'nofs Settembru jipproduċu nbejjed frizzanti u nbejjed bla gass kumplessi, ta' kwalità u li jimmaturaw fit-tul. Il-Wied ta' Willamette, minħabba l-latitudni għolja tiegħu fit-Tramuntana, il-viċinanza ta' oċean kiesaħ, il-vinji mtarrġa protetti mix-xita, il-ħin ta' esponiment għad-dawl dinamiku tiegħu, u l-inabbiltà li jirnexxielu jimmatura l-varjetajiet tal-għeneb ta' klima aktar sħuna, jippreżenta stil "ġdid" uniku ta' nbid tal-Amerka ta' Fuq.

Fi ftit kliem, għalkemm il-ġustifikazzjoni ewlenija għall-indikazzjoni ġeografika hija msejsa fuq Fatturi Naturali li joħolqu reġjun uniku u eċċezzjonali, l-attributi sekondarji tal-Wied ta' Willamette li jiddistingwuh minbarra dawn il-karatteristiċi fiżiċi huma l-Fatturi Umani — l-attenzjoni eċċezzjonali, il-kollaborazzjoni, ir-rigorożità teknika u r-riċerka u l-approċċi organizzattivi li ġabu interess u relazzjonijiet mad-dinja kollha, inkluża l-kollaborazzjoni tal-industrija globali bħall-International Cool Climate Symposium fl-1984 u l-International Pinot Noir Celebration li ilha ssir 34 sena u li tilqa' lil dawk kollha li jkabbru l-Pinot noir fid-dinja kollha. Xogħol kollaborattiv b'saħħtu u prodotti ta' kwalità għolja konsistenti jiżviluppaw ammirazzjoni u interess u jikkontribwixxu għar-reputazzjoni ġenerali tar-reġjun.

Varjetajiet oħra jirnexxu hawnhekk għal raġunijiet simili bħall-Pinot noir, iżda l-Pinot noir hija l-qofol tar-reputazzjoni tiegħu. L-istampa, l-akkademja, il-pari u l-konsumaturi kollha jafu l-inbejjed Willamette Valley, kemm dawk bla gass kif ukoll dawk frizzanti, minħabba l-Pinot noir. Ir-rikonoxximent huwa ġenerali u internazzjonali: pereżempju, il-Platinum Best of Show wine tad-Decanter World Wine Awards ta' sentejn ilu kien ġej mill-Wied ta' Willamette; Robert Parker Jr. qal, "Oregon fl-aħħar qed jilħaq il-potenzjal kbir tiegħu"; Isaac Asimov tan-New York Times iddikjara, "Il-Wied ta' Willamette huwa post fejn l-ideali ta' finezza u grazzja tal-Pinot noir jistgħu jintlaħqu b'mod konsistenti."

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

Prattikament l-inbid kollu mill-Wied ta' Willamette huwa indikat skont il-varjetà u jrid ikun magħmul minn minimu ta' 90 % minn dik il-varjetà, skont il-Liġijiet u r-Regolamenti tal-Istat ta' Oregon (OAR 845 OLCC Regulations).

L-oriġini tal-inbid trid tkun preċiża, biż-Żoni Vitikulturali Amerikani (American Viticultural Areas — AVAs) iddikjarati fuq it-tikketti jeħtieġu li mill-inqas 95 % tal-inbid f'dak il-flixkun partikolari jkun minn dik l-AVA.

L-inbejjed Willamette Valley kollha għandhom jiġu prodotti u ppreparati għall-ibbottiljar f'Oregon, rekwiżit li jissalvagwardja l-kwalità u l-oriġini tal-għeneb, bil-premessa li l-ipproċessar bir-reqqa ta' dawn l-inbejjed delikati u l-iffaċilitar tal-attività kollaborattiva fit-tlestija tal-inbid fejn jitkabbar l-għeneb huma importanti. Jekk tikketta tal-inbid turi "Willamette Valley AVA" bħala d-denominazzjoni ta' oriġini tiegħu, ir-regolamenti Federali dwar it-tikkettar (Regolament Federali tal-Kodiċi, Titolu 27 CFR 4.25(e)(3)(iv)) jeħtieġu li l-inbid jitlesta kompletament f'Oregon. L-Alcohol and Tobacco Tax and Trade Bureau (TTB) tal-Istati Uniti iddefinixxa l-inbid "kompletament lest" fil-materjal tat-tfassil tar-regolamenti bħala nbid li huwa "lest biex jiġi bbottiljat, ħlief għat-trattament fil-kantina u t-taħlit li ma jirriżultawx f'bidla fil-klassi u fit-tip."

**Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

https://assets.simpleviewinc.com/simpleview/image/upload/v1/clients/willametteor/2020_02_GUIDELINES_FOR_PROTECTED_GEOGRAPHICAL_INDICATION_Willamette_Valley_091718_add_092519_100819_030520_7d32ebb7-96f1-4049-b608-d3838347b797.pdf

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT